
150 SENA
T'ECCELLENZA
1874-2024
SOCIETÀ FILARMONICA
NAZIONALE
LA VALETTE


JOHNNIE WALKER
JOHNNIE WALKER
GOLD LABEL
RESERVE
Blended Scotch Whisky
DISTILLED, BLENDED AND BOTTLED IN SCOTLAND
LIMITED EDITION DESIGN
THE MASTER BLENDER'S RESERVE
FINEST MALT AND GRAIN WHISKIES
John Walker & Sons
40% vol
PRODUCT OF SCOTLAND
ESTD 1820
TRAVEL RETAIL
1L
M.DEMAJO
(Wines & Spirits) Ltd.
drinkawaremalta.com
for the facts

# Apostolo delle Genti

Fl-okkażjoni tal-150 sena mill-Fondazzjoni
tas-Società Filarmonica Nazionale La Valette
3 ta' Novembru 2023 - Kon-Katidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta

## Werrej


*Messaġġ mill-President ta' Malta* ........ 3
*Messaġġ mill-Arċisqof ta' Malta* ........ 5
*Eccellenza - 19 ta' Ottubru 1874* ........ 7
*Kumitat tas-Società Filarmonica Nazionale La Valette 2021-2023* ........ 11
*Messaġġ mis-Sindku tal-Belt Valletta* ........ 13
*150 Sena ta' Società Impenjattiva* ........ 15
*Għax sa minn twelidek, l-għotja ta' ismek, li ma nbidel qatt, komplejt inti tikber, fil-għerf tal-mużika, bil-grazzja f'għemilek, għaġġibt lil kulħadd.* ........ 19
*Vjaġġ ta' Eċċellenza minn Verdi għal Lehar ... għal Frisina* ........ 29
*Surmastrijiet u Presidenti tas-Società* ........ 35
*Fejn Tar iż-Żmien* ........ 37
*Il-Filarmonika Nazzjonali La Valette u r-rabta tagħha ma' San Pawl* ........ 41
*Jean de la Valette, il-Belt Valletta u s-Società Filarmonica Nazionale 'La Valette'* ........ 45
*Programm Apostolo delle Genti* ........ 58
*Mons. Marco Frisina* ........ 61
*Rosabelle Bianchi* ........ 63
*Charles Vincenti* ........ 65
*Simone Attard u l-Kor Mirabitur* ........ 67
*Mro Dominic Darmanin* ........ 73
*Il-mużika fil-liturġija: nerfgħu qlubna lejn Alla* ........ 75
*Il-Kon-Katidral ta' San Ġwann* ........ 79
*CARDENIO BOTTI - 50 sena minn mewtu* ........ 85
*L-Ewwel Snin tas-Società* ........ 95
*Matul dan il-vjaġġ mużikali* ........ 105
*Il-mużika Pawlina tal-familja Nani fl-Arkivju tal-Katidral Metropolitan tal-Imdina* ........ 113
*Ftuħ tal-Attivitajiet tal-150 sena mit-Twaqqif tas-Società* ........ 117
*Ħajr* ........ 125
*Lista ta' Riklami* ........ 128



Società Filarmonica
Nazionale La Valette
297, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta
VLT1110
Tel: +356 21221818
Email: lavaletteband1874@gmail.com
Website: www.bandalavalette.org
Facebook: Società Filarmonica
Nazionale La Valette - A.D. 1874



***Bord Editorjali***

***Chairman:***
Lino Bartolo

***Segretarju:***
Carl Farrugia

***Membri:***
Jonathan Paul Grima

***Ġbir ta' riklami:***
Lino Bartolo

***Ritratti:***
Mill-Arkivji
Carl Farrugia

***Disinjatur:***
Carl Farrugia


*Ritratt tal-Faċċata:*



*Logo tal-150 anniversarju magħmul minn Alan Xerri*


***Stampar:***

BONNICI'S PRESS Est. 1924

*36, St Paul Street, Valletta*
*Tel: 21 224607*



**Sponsors Uffiċjali**

Kunsill Reġjun Port

VALLETTA
Città Umilissima

ARTS COUNCIL MALTA

GEAL S.p.A.
estrusione e lavorazioni alluminio

Gioielleria
ZAMPA

JAMES
- CATERERS -

# TRILOGY

*past.*
*present.*
*future.*



STERLING
Diamond Trilogy Collection

customer care : 21 245 999

www.sterlingjewellers.com.mt

# Messaġġ mill-President ta' Malta

*L-Eċċellenza Tiegħu Dr George Vella*

Din hija sena tassew importanti u speċjali għas-Società Filarmonica Nazionale 'La Valette'. Kien propju mija u ħamsin sena ilu meta din is-Società rat il-bidu tagħha u mal-medda taż-żmien, kibret u mxiet lejn dak li qed tiċċelebraw din is-sena.



Għalhekk nixtieq nibda dan il-messaġġ billi nsellem lill-membri kollha tas-Società u nawguralhom l-isbaħ xewqat għaċ-ċelebrazzjonijiet tal-anniversarju tal-150 sena mit-twaqqif tagħha. Inwassal ukoll ir-ringrazzjament tiegħi talli għoġobkom tistidnuni biex nikteb f'din il-pubblikazzjoni u talli tajtuni din l-opportunità biex naqsam magħkom x-xewqat sbieħ tiegħi.

Dejjem nisħaq fuq kemm il-kontribut kbir li jagħtu l-baned lis-soċjetà Maltija huwa importanti ferm, u li dan għadu siewi llum daqskemm kien fl-imgħoddi. L-istorja tas-Società Filarmonica Nazionale 'La Valette' hija waħda twila li saħansitra tmur lura għas-seklu tmintax. Mal-milja taż-żmien, is-Società kompliet issir ċentru soċjo-kulturali importanti ħafna għall-komunità tal-Belt Valletta, u toffri pjattaforma ħajja u vibranti għal kullħadd iżda b'mod partikolari lill-ġenerazzjonijiet ta' tfal u żgħażagħ Maltin.

Kif tafu, sikwit nitkellem dwar kif t-tfal u ż-żgħażagħ tagħna huma l-fulkru li fuqu jiddependi l-ġejjieni u l-iżvilupp soċjo-kulturali f'pajjiżna. Nemmen li ż-żgħażagħ huma ċ-ċavetta għall-futur u preżenti aħjar. Fil-fehma tiegħi nkunu qed nikkultivaw u nkattru l-wirt nazzjonali meta ninvestu fit-talenti taż-żgħażagħ tagħna u nressquhom eqreb lejn it-tradizzjonijiet u lejn il-kultura Maltija. F'dan ir-rigward, nemmen bis-sħiħ li huwa propju dan l-element żagħżugħ, imwaħħad mal-għarfien tal-professjonisti u dawk il-voluntiera ta' esperjenza u dedikazzjoni li wassal sabiex din is-Società tkompli tiżviluppa u tinbidel biex saret dik li hi llum.

B'sodisfazzjon nosserva li matul is-snin il-membri tas-Società Filarmonica Nazionale 'La Valette' komplew isaħħu l-wirt kulturali Malti anki l'bogħod minn xtutna. F'diversi okkażjonijiet tul iż-żminijiet is-Società Filarmonica Nazionale 'La Valette' ġiet mistiedna għal bosta kunċerti barra minn xtutna, fosthom f'Tuneż, Sirakuża, Noto, Alġier u postijiet oħra. Dawn it-tipi ta' parteċipazzjonijiet jagħmlu ġieħ u unur mhux biss lill-Beltin, iżda wkoll lill-poplu Malti kollu.

Ta' min insemmi wkoll it-tagħlim tal-mużika li jingħata fis-Società mingħajr ħlas. Ħarġu bosta mużiċisti li tgħallmu l-mużika taħt is-Surmastijiet li din is-Società kellha jmexxuha tul iż-żmien. Dan l-impenn huwa ċertifikat tal-ħidma u d-dedikazzjoni tagħkom biex is-Società tkompli tibni fuq il-patrimonju mużikali tagħna, anki għall-ġejjieni. Huwa grazzi għalikom u l-investiment tal-ħin tagħkom li dan is-settur tal-kultura Maltija jkompli jiġġedded u jitjieb magħtul iż-żmien.

Huwa bix-xieraq li nagħtu wkoll ħajr lil dawk kollha li bil-fondi, l-għoti tal-ħin liberu u l-ħidma tagħhom, ħafna minnu b'mod volontarju, taw sehemhom sabiex is-Società Filarmonica Nazionale 'La Valette' tkompli tikber u timxi 'l quddiem tul iż-żminijiet. F'dan ir-rigward, nagħmel enfasi fuq l-importanza tal-volontarjat. Il-ħidma fuq bażi volontarja ta' nies bħalkom hija l-garanzija li pajjiżna jibqa' jitkattar u jiġġedded fit-tradizzjonijiet kulturali u artistiċi li tant aħna kburin bihom.

Nagħlaq billi nawgura lill-membri u l-parteċipanti kollha l-ikbar suċċess fil-ħidma tagħhom għas-snin li ġejjin. Nifraħ lill-voluntiera kollha tas-Società Filarmonica Nazionale 'La Valette' għad-dedikazzjoni u l-impenn tagħhom sabiex ikomplu jibnu fuq il-passi ta' missirijietna, iżommu din it-tradizzjoni ħajja u jagħtu kontribut konkret għall-wirt nazzjonali Malti. Prosit tax-xogħol li qegħdin tagħmlu. Nawguralkom ħidma sfiqa għal ħafna aktar snin.

BEATI PAOLI

RESTAURANT

240, St Paul's Street, Valletta



# Messaġġ mill-Arċisqof ta' Malta

*Mons. Charles Jude Scicluna*



Il-Mużika sabiħa tqarribna lejn Alla, imma l-mużika u l-kant ħerġin mil-qalb idaħħluna fil-qalba tal-misteru tiegħu.

Huwa ta' pjaċir għalija li nilqa' bil-qalb l-inizjattiva li s-Società Filarmonica Nazionale La Valette ħadet meta stiednet lil Mons. Marco Frisina, kompożitur ta' ħafna mużika liturġika, magħruf mad-dinja kollha, biex jesegwixxi kunċert fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta u jagħti taħdita dwar ir-rwol importanti tal-mużika sagra waqt iċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi, fil-Katidral ta' San Pawl l-Imdina.

Il-mużika, bħall-poeżija hija l-għanja tal-qalb li thenni, issabbar, tfarraġ u tqawwi fit-tama. U meta toħroġ mill-qalb mgħaddsa fl-intimità ma' Alla, terfagħlna qlubna 'l fuq lejn il-Mulej, fejn isibu l-mistrieħ tagħhom fost it-taħbit u t-toqol tal-ħajja.

Il-bniedem, maħluq xbieha ta' Alla, anke jekk jitbiegħed minnu, jħoss ġewwa fih ġibda lejh u għalhekk il-mużika waqt il-Liturġija ma tibqax aċċessorju imma ssir liturġija fiha nnifisha, għodda ta' qima li tissodisfa x-xewqa tagħna ta' Alla.

Mons Marco Frisina se jesegwixxi silta mill-oratorju tiegħu Apostolo delle Genti li huwa kiteb għas-sena Pawlina 2008-2009. Fih jirrakkonta muiżikalment il-ġrajja ta' San Pawl mill-ewwel dehra tiegħu fl-Atti fit-tħaġġir ta' Stiefnu sal-ħidma tiegħu fix-xandir tal-Kelma madwar il-Mediterran. Filwaqt li se jesegwixxi diversi siltiet mużikali oħra mill-pinna tiegħu. Waqt li jkun f'pajjiżna, Mons Frisina se jitkellem ukoll dwar il-valur tal-mużika u tal-kant fil-liturġija.

Minn qalbi mbierek din l-inizjattiva u oħrajn bħalha, u nitlob li jkunu ta' għajnuna għalina lkoll, mhux biss biex napprezzaw mużika u kant liturġiku sabiħ li jkun espressjoni ħajja tar-rabta ta' qalbna mal-Mulej, iżda jħeġġiġna biex intejbu l-kwalità kemm tal-kompożizzjoni u l-kitbiet u kemm tal-eżekuzzjoni bħala servizz lejn il-komunità nisranija li titlob u tqim lil Alla; meta dan jiġri jkollna tassew minn issa togħma tal-ħlewwa tal-Mulej li jilqagħna b'dirgħajh u b'qalbu miftuħa.




Brauerei MonteKristo

# Montekristo Brewery
## Freshly brewed Beer

**Tel: 22033000**
**Email: info@montekristo.com**
**FB: brauerei montekristo**




# Eccellenza 19 ta’ Ottubru 1874

*Jonathan Paul Grima - President tas-Società Filarmonica Nazionale La Valette*

Għeżież Membri u Ammiraturi tas-Società Filarmonica Nazionale La Valette



Hija drawwa sabiħa li wieħed jiċċelebra u jfakkar l-avvenimenti l-aktar importanti fl-istorja. Iċ-ċelebrazzjoni ta’ anniversarji bħal dawn però, m’għandhiex tkun biss espressjoni ta’ ċertu attiviżmu. L-anniversarji l-kbar niċċelebrawhom, biex nerġgħu niskopru s-sens veru ta’ dak li hu għażiż għalina u nerġgħu immorru lejn l-għeruq biex niġġeddu u fl-istess ħin, ngħixu b’mod ġdid is-sejħa antika tagħna.

Huwa għalhekk li minn Ottubru tas-sena 2023 sa Ottubru tas-sena 2024, bi kburija se nkunu qed niċċelebraw il-150 Anniversarju mit-twaqqif tas-Società Filarmonica tagħna, li twaqqfet fil-Belt Valletta nhar id-19 ta’ Ottubru 1874, bit-tħabrik tal-fundatur tagħna, is-Sur Pawlu Darmanin. Minn ħanut ċkejken fi Strada San Paolo u mill-qalb taż-żgħażagħ parruċċani Pawlini, mmexxijin mis-Sur Darmanin, twieldet ħolma li tat il-frott ta’ 150 sena t’Eċċellenza.

Aħna jidhrilna li f’idejna s-soċji u l-ammiraturi tal-lum, irċevejna teżor nazzjonali kbir li hija s-Società tagħna; Società li hija unika fil-karattru tassew nazzjonali tagħha, li hija tgħożż mhux biss f’isimha iżda wisq iktar fl-operat tagħha matul is-snin. Kienet is-Società tagħna, li fit-tmexxija tagħha kellha mexxejja kbar li mexxew mhux biss lilha iżda lin-nazzjon Malti, bħalma kienu Dr. Fortunato Mizzi LL.D., il-Komm. Joseph Howard, Sir Ugo P. Mifsud Kt., LL.D., Dr. Giorgio Borg Olivier LL.D., u figuri nazzjonali oħrajn. Kienet is-Società tagħna li permezz tal-membri illustri tagħha, tat sehemha biex l-Assemblea Nazzjonali li ltaqgħet fil-jiem tal-irvellijiet tas-Sette Giugno u fil-jiem ta’ wara, setgħet tmexxi lill-poplu Malti u tipproteġih mid-despotiżmu kolonjali ta’ dawk iż-żminijiet. Kien President tas-Società tagħna, li wassal lil pajjiżna biex ikun nazzjon liberu li jista’ jiddetermina t-tmexxija tiegħu nnifsu.

Mhux fatt każwali li l-għażla tal-isem tas-Società waqgħet fuq il-figura storika tal-Gran Mastru La



PITRÈ HOME

Triq l-Imdina, Ħal Qormi QRM 9011

Telephone: +356 27463330
Email: daniel@jpitre.com
Website: http://pitreonline.com



Valette. Hu kien il-veru fundatur tal-Belt Valletta kollha kemm hi u huwa wkoll sinonimu maddifiża tal-identità nazzjonali tagħna. Huwa wkoll għalhekk, li s-Società tagħna sa mis-snin bikrin, kienet marbuta maċ-ċelebrazzjonijiet patrijottiċi li kienu jsiru fil-Belt nhar il-festa tal-Vitorja fit-8 ta' Settembru. Din l-identità Maltija, is-Società La Valette, baqgħet tagħmlilha unur u xxerridha 'l bogħod minn artna anki b'avveniment memorabbli bħalma kienet il-wirja ta' bravura kbira tagħha taħt it-tmexxija tal-Mro. Cardenio Botti, l-għira ta' baned oħra fi xtutna u barra minn xtutna. Kien huwa li wassal is-Società għas-suċċess fil-kunċert bandistiku internazzjonali li sar f'Como fis-sena 1927.

Hija wkoll is-Società tagħna, li matul is-snin, baqgħet marbuta mal-Festa Nazzjonali tan-Nawfraġju tal-Appostlu Missierna San Pawl, il-festa tal-Maltin kollha. Hija wkoll tibqa' marbuta mal-festa tal-Madonna tal-Karmnu, Sultana tal-Maltin, u hija wkoll is-Società tagħna li nrabtet mal-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, forsi l-iktar maħbuba mill-Maltin, dik li toħroġ mill-knisja Franġiskana ta' Santa Marija ta' Ġesù, fil-Belt.

Aħna konxji minn dan kollu, u huwa għalhekk li se nibqgħu nagħmlu ħilitna biex il-banda tagħna, tibqa' kif dejjem kienet, il-Banda ewlenija tal-Beltin u wisq iktar tal-Maltin. Ix-xogħol li għaddej biex dejjem insebbħu s-Sede monumentali tagħna fi Strada Rjali huwa xhieda tax-xewqa tagħna li nagħmlu dan. Barra minn hekk, kif għamlet il-banda tagħna, snin ilu, meta fit-22 ta' Frar 1935, daqqet taħt it-tmexxija ta' surmast ta' livell mondjali bħalma kien il-Monsinjur Licinio Refice, hekk se tagħmel issa taħt it-tmexxija tal-Maestro ċelebri Monsinjur Marco Frisina. Dan se tagħmlu fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann fil-Belt Valletta, it-tempju ewlieni ta' pajjiżna.

Personalment nawgura lis-soċji kollha u lill-ammiraturi tas-Società tagħna f'dan l-anniversarju speċjali. Nawgura li aħna lkoll, inkomplu nirsistu u naħdmu flimkien matul is-snin li ġejjin, sabiex il-Banda La Valette, tibqa' sinonima ma' livell ta' eċċellenza fil-qasam mużikali u biex hi tibqa' dejjem magħrufa minn kulħadd bħala il-banda ewlenija tal-Maltin kollha.

Ad Multos Annos!

# Lucentini

Art, Fantasy & History

Hand-made Ceramics









www.lucentinishop.com
00356 9945 2318

212, Merchant Street, Valletta
20b, St. Lucia Street, Valletta

# Kumitat tas-Società Filarmonica Nazionale La Valette 2021-2025



| | |
|---|---|
| President | Sur Jonathan Paul Grima |
| Viċi President | Sur Lino Bartolo |
| Segretarju Ġenerali | Sur Vincent Farrugia |
| Kaxxier | Sur Glen Attard |
| Direttur Ġenerali | Sur Raymond Zahra |
| Direttur tal-Billiards | Sur Simon Farrugia |
| Direttur tal-Bar | Sur Michael Borg |
| Delegat tal-Banda | Sur Simon Farrugia |
| Arkivista | Sur Raymond Zahra |
| Assistent Segretarju | Sur Mario Fenech |
| Assistent Kaxxier | Sur Emanuel Caruana |
| Assistent Direttur tal-Billiard | Sur Joseph Cremona |
| Assistent Direttur Ġenerali | Sur Michael Borg |
| Membri | Sur Emi Bonnici<br>Sur Alan Xerri |
| Inkarigat mill-Proġetti Kapitali,<br>Sponsors u mill-Iskemi ta' Fondi | Sur Lino Bartolo |
| Direttur Spiritwali | Fr Victor Paul Farrugia |
| Surmast Direttur | Mro Dominic Darmanin |
| Assistent Surmast Direttur | Mro James Chappell |
| Għalliem tal-Iskola tal-Mużika | Mro Shaun Scicluna |
| Inkarigat mill-Banda | Sur Gilbert Farrugia |
| Avukati Legali tas-Società | Dr Ray Zammit LLD<br>Dr Josè Herrera LLD |




SICILIAN CUISINE IN VALLETTA

Estd. 2023

# I PUPI

PIZZERIA

37, South Street, Valletta, Malta

Tel: 2123 1985

# Messaġġ mis-Sindku tal-Belt Valletta

*Alfred Zammit*



Mill-esperjenza nafu li l-identità ta' kull lokalità, hija dejjem mibnija fuq dak li ħolmu u li wettqu niesha matul il-medda tas-snin. Dan il-wirt kbir li jagħmilna dak li aħna, insejħulu "tradizzjoni". Din hija l-ikbar rikkezza li għandna u fil-Belt Valletta, għandna tassew biex inkunu kburin minn dan l-aspett.

Fit-tradizzjoni li tagħmel il-Belt Valletta, belt ewlenija f'pajjiżna, insibu f'post mill-aktar ewlieni, is-Società Filarmonica Nazionale La Valette A.D. 1874. Aħna u nifirħu u niċċelebraw il-mija u ħamsin sena mit-twaqqif tagħha, frott il-ħeġġa ta' Paolo Darmanin u tal-grupp ġuvintur Pawlini li kienu jappoġġawh, ma nistgħux ma ntennux ir-ringrazzjamenti tagħna għall-kontribut kbir li din is-Soċietà tat lil beltna u lil pajjiżna. Il-programm mimli u ta' livell li s-Società qed torganizza biex tiċċelebra l-anniversarju mit-twaqqif tagħha b'mod partikolari, il-kunċert immexxi minn Mons. Marco Frisina, jixhdu li din is-Società għadha b'saħħitha u li għadha mutur kreattiv fil-komunità Beltija.

Is-Soc. Fil. Naz. La Valette. ħadet sehem fl-ikbar avvenimenti tal-istorja tagħna u fi ħdanha ma kienx hemm biss persuni interessati fil-mużika iżda personalitajiet kbar li ħallew il-marka fuq l-istorja ta' Malta, saħansitra ħallew marka fuq l-iżvilupp tal-identità nazzjonali tagħna. Fl-istess waqt, il-Banda La Valette u s-Sede tagħha, baqgħu ċentru għal qalb ħafna Beltin li qattgħu l-ħin liberu tagħhom fiha, biex jikkultivaw diversi talenti u anki jissoċjalizzaw flimkien. Din il-funzjoni mwettqa mis-Società hija u tibqa' essenzjali biex fl-iżviluppi soċjali kbar li qed isiru, ma nitilfux l-identità tagħna, f'dinja li qed tpoġġi l-interessi ekonomiċi fil-qalba tagħha.

Aħna kommessi li din l-identità nkomplu nħarsuha billi nikkontribwixxu b'modi differenti sabiex is-Soc. Fil. Naz. La Valette. tibqa' tkun magħrufa u magħduda bħala waħda fost il-baned ewlenin ta' pajjiżna.

Nieħu l-okkażjoni biex nawgura kull suċċess lill-President is-Sur Jonathan Grima, u lill-Kumitat u lis-socji kollha tas-Società Filarmonica Nazionale La Valette, fl-okkażjoni tal-mija u ħamsin anniversarju.

Ad Multos Annos!

# SEYBA ALUMINIUM LTD.

## Importers of Aluminium Profiles in Various Colours.

**Thermal Break Sliding, Light & Heavy Duty Sections toghether with Hinge Profiles & Accessories.**





GEAL S.p.A.
estrusione e lavorazioni alluminio
www.geal.it



17, Triq il-Kummerċ, Qormi - QRM 3032
Tel: 2144 7580 / 95 Fax: 2144 7580 - Mob: 7947 3726 - 7944 7580
E-mail: seyba.alum@gmail.com

# 150 Sena ta' Società Impenjattiva

*Lino Bartolo, Viċi President tas-Società Filarmonica Nazionale La Valette*



Huwa ta' unur għalija li nikteb dan il-messaġġ fl-okkażjoni tal-ftuħ taċ-ċelebrazzjonijiet li ser ifakkru l-150 sena mit-twaqqif tas-Società Filarmonica Nazionale La Valette t'Eċċellenza bi storja miktuba b'ittri tad-deheb bħala l-Ewwel Banda tal-Kapitali, dokumentata u notarjata fl-arkivji tal-Biblijoteka Nazzjonali ta' Malta. Società li dejjem baqgħet bl-istess isem, imsemmija għall-Gran Mastru Jean Parisot de La Valette, li bena l-Belt tagħna Valletta u li s-Società hija tant kburija.

Il-Kumitat tad-Direzzjoni flimkien mal-Kumitat taċ-Ċelebrazzjonijiet tal-150 sena ħadem flimkien biex ipprepara programm ta' sena attivitajiet, li kif tafu infetħu f'Ottubru li għadda biċ-ċerimonja sublimi u sinifikanti li għamilna fuq il-qabar tal-Gran Mastru Jean Parisot de La Valette fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann il-Battista, kif ukoll fl-ewwel knisja li nbniet fil-kapital, dik tal-Vitorja mill-istess Gran Mastru li s-Società tagħna għandna rabta kbira miegħu. Illum għandna dan il-kunċert li għas-Società impenjattiva tagħna, ser tagħmel u ser tkun l-ewwel darba li l-banda tas-Società tkun qiegħda ddoqq fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann il-Belt. Għal din l-okkażjoni iż-żewġ Kumitati ħasbu biex jerġgħu jagħmlu l-banda fuq l-istess skala ta' strumenti, bħall-vjolini eċċ, kif kienet 150 sena ilu fl-1874, meta l-fundatur is-Sur Paolo Darmanin flimkien mal-ewwel President in-Nobbli Ramiro Barbaro u l-ewwel surmast tas-Società Mro. Luigi Carabott, li kien idderiega l-banda f'forma t'orkestra, fejn għamel użu minn strumenti li ma nsibux waqt xi servizz jew marċ li aħna imdorrijin bihom illum il-ġurnata. Għal dan il-kunċert l-istedina waqgħet fuq wieħed mill-aqwa surmastrijiet ta' fama mondjali, qed nirreferi għas-Surmast Mons. Marco Frisina, li huwa s-surmast tal-Vatikan kif ukoll huwa dderieġa bosta kunċerti kbar kemm fil-Vatikan u madwar id-dinja. Mons Marco Frisina kiteb bosta soundtracks tal-films li rebħu bosta oscars għall-mużika tiegħu. Ma' Mro. Marco Frisina ser jieħu sehem ukoll is-Surmast Direttur tas-Società Mro. Dominic Darmanin bis-sehem tas-sopran Rosabelle Bianchi u t-tenur Charles Vincenti u l-kor Mirabitur. F'dan il-kunċert ser nagħtu lis-soċi u lill-ammiraturi tas-Società kunċert tal-ogħla klassi, biex l-għada tal-kunċert Mro. Marco Frisina ser jagħti spegazzjoni lil diversi bandisti/ mużiċisti minn diversi għaqdiet mużikali madwar Malta u Għawdex li ser ikunu mistiedna għal din l-okkażjoni speċjali unika bl-isem "Il-Valur tal-Mużika fil-Liturġija Kunċert u Taħdita", dejjem bis-sehem tal-banda tas-Società Filarmonica Nazionale La Valette, fil-Katidral Metropolitan ta' San Pawl fl-Imdina. Xi ħaġa innovattiva u interessanti għaż-żminijiet tal-lum.

Is-Società tul dawn is-snin kollha dejjem kienet impenjata u għalhekk kisbet bosta suċċessi kemm fl-avvenimenti lokali kif ukoll internazzjonalment. Is-Società Filarmonica Nazionale La Valette hija kburija u mogħnija bl-isem t'Eċċellenza. Kien meta marret għall-konkors f'Como, fejn f'dan il-konkors ħadu sehem baned lokali u kemm baned internazzjonali fejn is-Società tagħna daqqet fost oħrajn parti mill-"Quinta Sinfonia" ta' Beethoven. Id-data tat-28 ta' Awwissu 1927 tibqa' data miktuba b'Ittri tal-Deheb meta nqara r-riżultat mill-Comitato Voltiano bir-riżultat tal-kategoriji kollha ta' dan il-konkors bandistiku li ttrijonfa lis-Società fil-kategoriji kollha ta' dan il-konkors, u bir-rebħ tal-Midalja tad-Deheb, premju uniku għad-direzzjoni li ngħata lis-Surmast Cardenio Botti, li flimkien ma' ċekk ta' 500 lira Taljani bħala premju, li għadek issibhom sal-ġurnata tal-lum meqjuma b'għożża kbira fis-sede tas-Società. Wara dan is-suċċess il-kontinġent mar Ruma u kellu udjenza ma' Papa Piju XI bħala rigal tas-suċċess miksub. Bħala avvenimenti lokali fejn is-Società kienet impenjata f'diversi okkażjonijiet fosthom fl-irvellijiet tas-7 ta' Ġunju 1919, fejn fis-Società għadek issib il-labarda li magħha twaħħlet il-bandiera Maltija. Is-Società ħadet sehem fl-erba' funeral statali dawk ta'


BOV | INVESTING TOGETHER
Great investment opportunities for a sweeter future. Act now, choose wisely.
Invest today.
Visit your nearest branch for more information.
SCAN HERE
The value of investments may go down as well as up and may be affected by changes in currency and exchange rates. Issued by Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Żakkarija, Il-Belt Valletta VLT 1130. Bank of Valletta p.l.c. is a public limited company regulated by the MFSA and licensed to carry out the business of investment in terms of the Investment Services Act (Cap. 370 of the Laws of Malta).
BOV
Bank of Valletta



ex-Presidenti tas-Società u ex Prim Ministri ta' Malta fosthom Dr Fortunato Mizzi, Dr Sir Ugo P. Mifsud u Dr Giorgio Borg Olivier, missier Malta Indipendenti u l-ex-Prim Ministru l-Perit Dom Mintoff. Il-banda kellha bosta suċċessi fejn għal dawn l-aħħar ħames snin il-Kumitat tad-Direzzjoni preżenti kompla bil-ħidma impenjattiva tiegħu fejn organizzajna bosta avvenimenti bħal kunċerti klassiċi u ġibna bosta mużiċisti internazzjonali għalihom, kif ukoll morna bosta żjarat barra minn xtutna bħal Gela u f'Marzu ta' din is-sena morna Trapani fejn għamilna ġemellaġġ mal-"Banda Santa Cecilia" fejn tajna kunċerti u anki għamilna marċi mat-toroq ta' Gela u Trapani fejn il-koperazzjoni bejn iż-żewġ naħat hija waħda inkoraġġanti fejn iż-żewġ baned tas-Società tagħna u l-Banda Santa Cecilia daqqew flimkien tul it-toroq ta' Trapani fejn is-soċi li telgħu mal-banda u n-nies tal-lokal apprezzat dan il-ġest sabiħ u sinifikanti li juri l-għaqda li teżisti miż-żewġ naħat.

Il-Kumitat tad-Direzzjoni preżenti ser iżomm l-istess idea li kellu l-kumitat tad-direzzjoni tal-1927 meta rebħu l-konkors ta' Como u marru għal udjenza mal-Papa u aħna ser nimxu fuq l-istess passi wkoll għax fi Frar 2024 ser ikollna kontiġent li ser imur Ruma u ser ikollna udjenza ma' Papa Franġisku bħala parti mill-festi li qed niċċelebraw tal-150 sena mit-twaqqif tas-Società tagħna, avveniment speċjali li d-domanda għal din il-laqgħa ma' Papa Franġisku hija kollha mibgħuha diġà.

Nagħlaq dan il-messaġġ l-ewwel nett billi nirringrazzja li kull minn kien ta sostenn u tani l-għajnuna kollha tiegħu bħala Main Sponsors: il-Kunsill Malti għall-Arti, il-Kunsill Reġjun Port, il-Kunsill Lokali tal-Belt, is-Sindku, lill-kumpanija Taljana Geal Aluminium, Sergio Zampa, James Caterers u bosta individwi oħra kif ukoll kull minn għoġbu jirreklama f'dan il-ktieb. Nappella biex tagħmlu użu minn dawn il-ħwienet u kull prodott li issibu fil-ktieb, lill-President u lil sħabi tal-kumitat tal-fiduċja li ttuni, lill-familja kollha tiegħi tal-paċenzja li tieħu bija, imma b'għafsa ta' qalb indur lejn is-soċi għax sfortunatament is-Società dejjem baqgħet "IMPENJATTIVA" imma l-impenn tagħhom lejn is-Società sar wisq passiv, tarahom biss fil-ġranet tal-festa tal-Appostlu Missierna San Pawl jew fil-Ġimgħa l-Kbira, apparti dawk is-soċi u ammiraturi li jattendu għal kull attività li norganizzaw bħala fund raising u ta' dan ngħidilhom grazzi tas-sapport tagħkom lejn is-Società. Għalhekk nappella lil kull minn għandu għal qalbu s-Società Tagħna u mhux ikunu soċi tal-isem biss, biex jimpenjaw ruħhom u jagħtu s-sehemhom għax is-Società hija impenjata s-sena kollha u kulħadd huwa importanti u għandu l-ħiliet tiegħu, biex flimkien u f'għaqda waħda nkunu nistgħu niċċelebraw dan l-Anniversarju tal-150 sena mit-twaqqif tal-Ewwel Banda Nazzjonali fil-belt Kapitali tagħna Valletta.

"Siam de La Valette"


CAMILLERI
CATERING
FOR ALL YOUR CATERING NEEDS
The finest choice for all business events, including Office Receptions, Staff Parties, Business Breakfasts, Meetings & Conferences, Workshops, Corporate Lunches and Dinners.
Camilleri Catering | 13-20, M. Borg Gauci Street, Tal-Handaq, Qormi QRM 4000
info@camillericatering.com | +356 2147 2255 | www.camillericatering.com
CAMILLERI CATERING

# Għax sa minn twelidek, l-għotja ta' ismek, li ma nbidel qatt, komplejt inti tikber, fil-għerf tal-mużika, bil-grazzja f'għemilek, għaġġibt lil kulħadd

*Vince Farrugia Lauri - Segretarju tas-Società Filarmonica Nazionale La Valette*



Kienet l-ambizzjoni tal-fundaturi tas-Soċjetà La Valette, li rat il-bidu ta' twaqqif tal-banda, fl-1874. Il-persistenza tal-predeċessuri, sarrfet fit-twelid tal-banda filwaqt Ii l-ħsieb tal-punt tat-tluq fuq pedamenti sodi, huwa fatt, li x-xewqa tal-fundatur flimkien mal-ammiraturi jaraw lis-Soċjetà tiffjorixxi mal-medda taż-żmien. Tul il-vjaġġ tagħha is-Soċjetà ma waqfet qatt li tħares b'ottimiżmu '1 quddiem, mal-kisbiet kbar li għamlet fil-passat u żamma tal-isem Ġlorjuz tagħha li jibqgħu minquxa b'ittri tad-deheb. Illum fuq il-passi ta' qabilna nibqgħu naħdmu sabiex l-isem tas-Soċjetà jibqa' dejjem uniku u ta' ġieħ lejn il-poplu u l-gżejjer Maltin.

Għall-ġieħ ġlorjuż ta' din is-Soċjetà La Valette, il-kumitat tad-Direzzjoni li jżomm b'għożża kbira din l-istorja unika jibqa' impenjat sabiex mal-kisbit kbar li għamlet fil-passat tkompli triq tas-suċċessi fil-qasam mużikali għal li ġej.

Il-predeċessuri tas-Soċjetà sa minn dejjem żammew id-data tal-fondazzjoni b'għożża u mħabba. Fl-ewwel 50 sena tat-twelid tas-Soċjetà l-kumitat iċċelebra dan l-avveniment bl-akkwist tal-Palazz maestuż, meta fis-seduta tat-3 t'April 1924 ġie mħabbar li s-Soċjetà ser ikollha sede ġdida. Kien it-18 t'Ottubru li Soċjetà inawgurat is-sede l-ġdid fi Triq ir-Repubblika dak iż-żmien Strada Reale.

Fil-festi ta' għeluq il-75 sena tal-fondazzjoni l-kumitat fakkar b'għadd ta' attivitajiet u kunċerti, fost dawn insemmu l-kunċert kbir li sar fir-Radio City. Fl-10:15 ta' filgħodu sar Te Deum Solenni fil-Kolleġġjata Matriċi ta' San Pawl Nawfragu li għalih kienu mistiedna diversi persuni distinti fis-Soċjetà Maltija, filgħaxija sar kunċert fi Pjazza Reġina taħt is-Surmast G. Camilleri. Kienet saret illuminazzjoni fit-toroq prinċipali tal-Belt Valletta. Kienu ħafna l-attivitajiet kemm soċjali kif ukoll dawk filantropiċi.

Fl-1974 meta Soċjetà għalqet l-ewwel mitt sena l-kumitat tad-Direzzjoni għamel festi kbar, il-quddiesa De Requiem għas-soċi mejtin saret mill-Eċċ. Tiegħu l-Isqof Ġużeppi Mercieca, fil-Kolleġġjata ta' San Pawl. Ġiet mikxufa lapida ta' tifkira mill-President Dr Ġorġ Borg Olivier, segwita b'riċeviment għas-soċi u Kunċert fit-Teatru Manoel. Saru diversi kunċerti fil-pjazez. Il-Pontifikal ġie ċċelebrat fil-Knisja ta' San Pawl immexxi mill-Eċċ. Tiegħu l-Arċisqof ta' Malta Mikiel Gonzi. Wara l-Pontifikal il-Kumitat tad-Direzzjoni ħa ħsieb li jikkommemora l-fundatur tas-Soċjetà Sur Paolo Darmanin billi kixef lapida mad-dar fejn kien jgħix il-fundatur fi Triq Zakkarija.

Fl-1999 meta Soċjetà għalqet il-mija u ħamsa u għoxrin sena l-kumitat ħa ħsieb li jfakkar dan l-anniversarju b'diversi marċi fit-toroq tal-Belt Valletta minn diversi baned Maltin. Il-Quddiesa solenni saret fil-Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu nhar il-Ħadd 24 ta' Ottubru wara li sar korteo mill-każin għall-Kolleġġjata. Mexxa l-quddiesa l-Monsinjur Carmelo Xuereb.




**LOMBARD**
Lombard Bank Malta p.l.c.

Head Office: 67 Republic Street Valletta Malta • PO Box 584 Valletta VLT 1000 Malta
Tel: +356 25581117 • Fax: +356 25581151 • e-mail: mail@lombardmalta.com • www.lombardmalta.com • SWIFT Code: LBMAMTMT
*Lombard Bank Malta p.l.c. is listed on the Malta Stock Exchange and is licensed and regulated by the Malta Financial Services Authority as a credit institution and as an investment service provider.*



*1949 - Il-President Sir Philip Pullicino fid-diskors tiegħu fil-preżenza tal-Gvernatur Sir Gerald Creasy u Mons. Arċisqof Michael Gonzi f'għeluq il-75 sena mill- Fondazzjoni*

Vigarju Ġenerali Emeritu. Filgħaxija sar kunċert Operistiku fil-każin fejn wara nkixfet lapida ta' tifkira mill-President ta' Malta, l-Eċċ Tiegħu Guido De Marco. L-għeluq ta' dawn il-festi kien ir-riċeviment għall-membri fis-Sede tas-Soċjetà l-Ħadd 31 ta' Ottubru.

Fuq il-passi ta' qabilna, illum, il-kumitat tad-Direzzjoni taħt il-ħabrieki President Sur Jonathan Grima, biex jiġi ċċelebrat kif jixraq l-anniversarju tas-Soċjetà mużikali La Valette, u sabiex jonora u jagħti ġieħ lil dawk kollha li kienu strumentali f'dak li hi s-Soċjetà llum, il-kumitat jinsab mpenjat sabiex dan l-anniversarju tal-150 sena tal-fondazzjoni jitfakkar bil-kbir u kif xieraq. Fost il-ħafna attivitajiet, kunċerti u marċi li ser ikunu qegħdin jiġu ċċelebrati, il-kumitat ħaseb wkoll sabiex għall-ewwel darba fl-istorja mużikali Maltija ġġib lis-Surmast ta' fama internazzjonli Mons. Marco Frisina mill-belt tal-Vatikan Ruma, sabiex imexxi lill-banda La Valette fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann kunċert uniku fejn il-banda La Valette ser tesegwixxi wkoll siltiet tal-istess surmast Frisina, flimkien mas-silta grandjuża mill-Oratorju Pawlu ta' Malta tas-Surmast Giuseppe Camilleri. Is-Soċjetà wkoll ħadmet sa minn kmieni sabiex tikseb wkoll is-servizz tal-magħruf kompozitur Jacob De Hann li hu wkoll ser ikun qiegħed jidderieġi lil La Valette. Korteo tant importanti li ser iwassal lill-Kumitat bil-parteċipazzjoni tal-Kapitlu tal-Kolleġġjata ta' San Pawl flimkien mal-Kavallieri ta' San Ġwann u persuni distinti oħra fil-knisja tal-Vitorja, fejn il-kumitat ser ikun qiegħed ipoġġi kuruna fejn hemm il-qalb midfuna tal-Gran Mastru La Valette. Ser tkun qed tittella' wirja professjonali fis-sede tas-Soċjetà. Il-quddiesa Pontifikali ser tkun mmexxija minn Mons. Paul Carmel Vella, Rettur tal-Kon-Katidral ta' San Ġwann fil-Kolleġġjata ta' San Pawl. Fost il-ħafna attivitajiet oħra triq ir-Repubblika ser tkun mżejna għall-okkażjoni. Riċeviment ser ikun qiegħed jagħlaq dawn iċ-ċelebrazzjonijiet.

Tul seklu u nofs, sa mit-twelid tiegħek ISMEK ma ċħadnihulek qatt, Ismek tibqa' ġġorr mal-medda taż-żminijiet u sa minn tfulitek ingħatajt l-unur ta' Nazzjonali mill-mexejja tal-pajjiż li fik raw istituzzjoni li għad tikseb unuri mhux biss ġewwa pajjiżna imma wkoll lilhin minn xtutna. Kien bi dritt li int tkun inkurunata EĊĊELLENZA UNIKA TA' MALTA.

Din hi s-Soċjetà La Valette, li tul il-mixja tagħha Glorjuża ma waqfet qatt mill-impenn tagħha lejn il-poplu Malti u bir-raġun li missirijietna waqqfu din il-banda u ddedikawha lill-Appostlu Missierna San Pawl. Kien xieraq li Missier il-Belt Valletta La Valette isir ħaġa waħda mal-


STAY
FRESH
CISK
LAGER
MALTA'S FINEST
CISK
LAGER
ORIGINAL RECIPE
INDEPENDENT BREWERS
SINCE 1928
ENJOY YOUR CISK RESPONSIBLY
drinkawaremalta.com
for the facts
www.cisk.com



*1974 - L-Arċisqof Gonzi fit-taraġ ts-sede La Valette mal-ftuħ tal-lapida f'għeluq il-mitt sena mill-Fondazzjoni*

Appostlu San Pawl Missier il-Maltin. Li tassew huma ta' ġieħ u isem kbir għal dan in-nazzjon. Hekk ukoll mar iħalli bil-pinna tiegħu Monsinjur Amante Bountempo fil-poeżija tiegħu ddedikata lis-Soċjetà La Valette f'għeluq il-festi tal-125 sena mit-twaqqif tal-banda La Valette:

*Għax inti rbatt xortik ma' dik ta' Kristu*
*Imxandar mill-Appostlu Kbir San Pawl tal-ġnus*
*Li rebaħ fuq l-imwieġ u r-rwiefen f'għarqa.*
*Li żejnet isem Malta b'ġens meħlus.*

*La taqta' qalbek qatt li semma leħnek*
*Bid-daqq tat-trombi w b'tant strumenti sbieħ*
*Għax sakemm jibqa' kif kien dejjem żmienek,*
*INT TIBQA' L-GĦOŻŻA TAL-MALTIN.*



*1999 - Kxif tal-lapida komemorattiva mill-Eċċ. Tiegħu l-President ta' Malta Profs. Gwido De Marco. Jidhru l-President Dr Francis Portanier. Viċi President is-Sur Alfred Zahra u s-Segretarju is-Sur George Micallef*

# BONNICI'S PRESS

Est.1924

Digital & Offset Printers

*99 Years of Printing Service*

36, St. Paul Street, Valletta

T:2122 8138 - 2122 4607

M: 9987 0603

E: emibonnici@gmail.com


iCREATE
small & large format printing • signage • cnc • exhibitions
designprintmanufacturedisplays&more
TEAMSPORT
GRANA
+356 2124 3130
info@icreate.mt
icreate
icreate_mt


HYPNOS - Vitafoam
HYPNOS–VITAFOAM
MATTRESSES SOLD HERE !
ANY SIZE & SHAPE
12 DIFFERENT QUALITIES
GUARANTEED MALTESE PRODUCT
FREE PILLOWS
FREE DELIVERY
5 Years Warrenty
ANTI DUST MITE TREATED
Tel: 21484992/3 - 21238163
Mobile: 7923 9817
Website: www.vitafoammalta.com
E-mail: info@vitafoammalta.com


At the heart of our Capital City
sg
SAN GIOVANNI
Valletta
St. John's Square, Valletta
9949 6810
SanGiovanniValletta


I nuna
Cleaning Services
"We Clean, You Relax!"
Impeccable Cleaning Expertise
Caring and Compassionate Cleaners
Flexible Scheduling Options
Comprehensive Cleaning Services
Customized Cleaning Plans
Satisfaction Guarantee
contact us!
9971 9344
Find us on
I Nuna Cleaning Services






GasanMamo
INSURANCE

We're Always There

# ENJOY THE GOOD SURPRISES

Travel insurance from GasanMamo

GASANMAMO INSURANCE LIMITED IS AUTHORISED UNDER THE INSURANCE BUSINESS ACT AND REGULATED BY THE MFSA |
**GASANMAMO.COM**


Get out there
and bubble
Tonic Water
Schweppes
Please drink responsibly.
©2021 European Refreshments UC. Schweppes is a registered trademark of European Refreshments UC

# Vjaġġ ta' Eċċellenza minn Verdi għal Lehár ... għal Frisina

*Cav. Dott. Tonio Portughese, Membru Onorarju tas-Società Filarmonica Nazionale La Valette*

Is-suċċessi straordinarji miksuba minn żewġ kunċerti jibqgħu minquxa b'ittri tad-deheb fl-istorja glorjuża tas-Società Filarmonica Nazionale La Valette, jirrappreżentaw trittico bil-climax tal-kunċert speċjali fil-ftuħ taċ-ċelebrazzjonijiet tal-150 sena mill-fondazzjoni tagħha: *Apostolo delle Genti* tal-kompożitur famuż ta' mużika sagra: Mons Mro Marco Frisina.

Bil-kunċert operistiku *Omaggio a Giuseppe Verdi* beda dan il-proċess ta' Eċċellenza Kulturali. Is-sehem distint tat-Tenur Bulgaru Kaludi Kaludov u tas-Sopran Pollakka Anna Dytry wera l-impenn tas-Società biex ittella' kunċerti ta' klassi għolja. Il-Filarmonica La Valette esegwiet l-isbaħ siltiet mużikali, sinfoniċi, vokali u korali fir-repertorju Verdjan mill-opri *La Forza del Destino, Aida, Nabucco, La Traviata, Rigoletto, Il Trovatore* bil-climax mis-solisti internazzjonali u *Il Coro Bel Canto* fil-famuż Brindisi mill-opra *La Traviata* fost l-entużjażmu tal-pubbliku li mela kull post fit-teatru.

Kien kunċert tal-ogħla prestazzjoni fl-esekuzzjoni u ta' ċelebrazzjoni xierqa tal-145 sena mill-Fondazzjoni u t-92 sena mir-Rebħa storika fil-Konkors Bandistiku Internazzjonali f'Como, l-Italja. Bix-xieraq dan il-kunċert ta ġieħ lil Giuseppe Verdi ntwera fuq l-istazzjon pubbliku televiżiv.

Kien mument memorabbli meta ż-żewġ kantanti liriċi internazzjonali kantaw flimkien mal-Filarmonica La Valette, l-Innu immortali "*Siam de la Valette*" bil-mużika u kliem oriġinali bit-Taljan ta' Mro Cardenio Botti: *"Canto e amore, Fede in cuor".*

It-tieni pilastru f'dan it-trittico ta' pagni tad-deheb intlaħaq bil-kunċert tant mistenni: *Magia di Operette*. Dan il-kunċert kien ċelebrazzjoni tal-95 anniversarju mir-Rebħa Storika fil-Konkors Bandistiku Internazzjonali f'Como, l-Italja.

Il-Banda La Valette wriet il-flessibbiltà u l-versatilità tagħha bl-esekuzzjoni tal-isbaħ mumenti famużi mill-operetta Ewropea, ikkumplimentat lill-kantanti professjonisti: it-Tenur Andrea Bragiotto u s-Sopran Barbara Fasol, minn Milan, l-Italja, u li s-Società ġabet apposta għal dan il-kunċert operetteristiku.



*Il-Kunċert Omaggio a Giuseppe Verdi fejn ħadu sehem it-Tenur Bulgaru Kaludi Kaludov u s-Sopran Pollakka Anna Dytry*




# There for you when you need us the most

Our industry might often seem impersonal and far removed from your day-to-day life. Continuous investment in technologies relating to the transporting and storing of gases might not make for the best stories, but when you need us the most, you won't even notice we're there.

Whether creating infrastructure for uninterrupted oxygen supply to local hospitals or offering the local manufacturing industry peace of mind with the best-rated gas storage safety standards, we work tirelessly to keep you going.

multigas
MEDICAL

- Supply of pure gases
- Handling & storage of cryogenic liquids
- Producers & distributors of medical, industrial gases & refrigerants
- Filling of compressed gas cylinders
- Dry ice

Triq l-Industrija, Kirkop, KKP 9042, Malta
(+356) 2249 2000 • info@multigas.com

**www.multigas.com**

Assistejna għall-espressjoni mużikali tal-ogħla livell b'għażliet ta' kompożituri storiċi tal-operetta: Franz Lehar, Emmerich Kalman, Ralph Benatzky u Robert Stolz, Carlo Lombardo, Mario Costa, Johann Strauss II, Jacques Offenbach, minn Die Fledermaus għal Scugnizza, minn La Vedova Allegra, għal Il Paese dei Campanelli, minn Il Paese del Sorriso għal Orpheus in the Underworld, sal-popolari Al Cavallino Bianco u b'talba ġenerali: Cin ci Là. Għal darb'oħra bl-impenn profonda tagħha, il-Filarmonica Nazionale La Valette iddistingwiet ruħha b'kunċert fl-aqwa tradizzjoni ta' versatilità u superjorità eżekuttiva.



Dan kien kunċert straordinarju ddedikat esklussivament lill-isbaħ mumenti tal-operetta, b'esekuzzjoni varjata u b'verżjonijiet awtentiċi mal-partituri oriġinali. Wera wkoll kemm is-Società tibqa' dejjem impenjata li tħares il-patrimonju mużikali u tidħol għal proġetti kulturali ġodda, riflessjoni tad-disponibbiltà tagħha għall-innovazzjoni.

It-tielet pilastru f'dan l-excursus huwa l-kunċert ċelebrattiv dwar il-Valur tal-Mużika Sagra fil-Liturġija.

Is-sehem ewlieni ta' Mons. Frisina bl-*Apostolo delle Genti* jissiġilla dan it-trittico ta' kunċerti li jintegraw u jamalgamaw id-dixxiplina mużikali ma' espressjonijiet u manifestazzjonijiet kulturali bid-distinzjoni esklussiva tagħhom. Ikompli jsaħħaħ it-tradizzjoni ta' surmastrijiet famużi minn Cardenio Botti, l-arkitett tar-rebħa storika fil-Konkors Bandistiku Internazzjonali ta' Como, Giuseppe Camilleri, Joseph Sammut, u l-bravu surmast-direttur attwali Mro Dominic Darmanin li għandu l-fiduċja tagħna lkoll biex ikompli jibni u jarrikkixxi dan il-patrimonju uniku.

Huma tliet kunċerti distinti li jirriflettu, jimplimentaw u jissiġillaw il-viżjoni fondamentali tal-Filarmonica La Valette għall-Eċċellenza Kulturali.



*Is-Surmast Dominic Darmanin flimkien mat-Tenur Andrea Bragiotto u s-Sopran Barbara Fasol*

# Assikura
INSURANCE BROKERS PCC LTD.

## We provide insurance solutions through our network of local and overseas providers to protect your assets, financial exposures and liabilities including:

- PROPERTY DAMAGE
- BUSINESS INTERRUPTION
- LIABILITY INSURANCE (INCLUDING EMPLOYERS LIABILITY AND PUBLIC LIABILITY)
- ENGINEERING INSURANCE (INCLUDING ELECTRONIC EQUIPMENT, MACHINERY BREAKDOWN AND BUSINESS INTERRUPTION)
- PERSONAL INSURANCE
- MARINE INSURANCE
- MONEY
- GROUP PERSONAL ACCIDENT INSURANCE
- CONTRACTORS ALL RISKS INSURANCE
- GROUP HEALTH
- GROUP LIFE
- PRIVATE, COMMERCIAL & VINTAGE MOTOR VEHICLE INSURANCE
- CYBER
- MEDICAL MALPRACTICE
- PROFESSIONAL INDEMNITY
- DIRECTORS & OFFICERS LIABILITY
- FREIGHT FORWARDERS TRANSPORT LEGAL LIABILITY



**Assikura Insurance Brokers PCC Limited (company registration No. C-28074) is authorised to carry out insurance intermediaries activities and is licensed and regulated by the Malta Financial Services Authority (MFSA) of Triq l-Imdina, Zone 1, Central Business District, Birkirkara, Malta, CBD 1010**

2247 1700 ASSIKURA@ASSIKURA.COM WWW.ASSIKURA.COM

ASSIKURA BUILDINGS, OLD RAILWAY TRACK, SANTA VENERA, SVR 9017, MALTA

FIND US ON


Neriku
CATERING
Catering Solutions
FOR ANY EVENT
21660505 | NERIKU.COM

# Għall-Induraturi

## Deheb, fidda, aluminium u artikli kollha ghall-induratura





Miftuħin mit-Tnejn sal-Ġimgħa
mit-8.30a.m. sal- 5.00p.m.

100 YEARS
1923 - 2023

E. THEUMA & COMPANY LTD.

Theuma House, 302, St. Paul Street, Valletta VLT 1213
Tel: +356 2123 4075 / +356 2123 6605
Email: info@etheuma.com www.etheuma.com

# Surmastrijiet

| | |
|---|---|
| Luigi Carabott | 1874-1877 |
| Emmanuele Bartoli | 1877-1885 |
| Paolo Miruzzi | 1885-1888 |
| Gaetano Grech | 1888-1889 |
| Vincenzo Carabott | 1889-1899 |
| Antonio Miruzzi | 1890-1900 |
| Gregorio Lucia | 1900-1910 |
| Giuseppe Vitaliti | 1910-1919 |
| Ettore Mattioli | 1920-1921 |
| Francesco Bellizzi (Aġent) | 1921-1923 |
| Cardenio Botti | 1923-1935 |
| Francesco Bellizi (Aġent) | 1935-1937 |
| Giuseppe Camilleri | 1937-1968 |
| Edgar Lowell (Aġent) | 1968-1970 |
| Joseph Sammut | 1970-2007 |
| Dominic Darmanin | 2008- |

# Presidenti

| | |
|---|---|
| Nobbli Ramiro Barbaro | 1874-1877 |
| Konti Francesco Manduca | 1877-1883 |
| Dr Agostino Naudi LLD | 1883-1892 |
| Dr Vincenzo Frendo Azzopardi LLD | 1892-1894 |
| Paolo Cutajar | 1894-1897 |
| Dr Fortunato Mizzi LLD | 1897-1898 |
| Komm. Joseph Howard | 1898-1902 |
| Dr Goffredo Adami LLD | 1902-1907 |
| Konti Dr Alfredo Caruana Gatto LLD | 1907-1909 |
| Komm. Joseph Howard | 1909-1917 |
| Komm. Dr Lewis F. Mizzi LLD CMG | 1917-1918 |
| Onor. Sir Ugo P. Mifsud Kt., LLD | 1918-1942 |
| Sir Philip Pullicino Kt., B. Litt, LLD | 1942-1950 |
| Onor. Dr Giorgio Borg Olivier LLD | 1950-1980 |
| Nutar Dr Joseph Cachia LLD | 1980-1986 |
| Dr Alb. Borg Olivier De Puget LLD | 1986-1992 |
| Dr Francis Portanier BA(Hons), LLD | 1992-2005 |
| Dr Ray Bondin BA (Hons.), MA, PhD | 2005-2008 |
| Sur Alfred Zahra | 2008-2010 |
| Sur Carmelo Camilleri M.O.M. | 2010-2015 |
| Dr Paolo Borg Olivier LLD | 2015-2017 |
| Sur Jonathan Paul Grima | 2017- |


PREMIUM DRINKS & VALLETA VIBES
Thirty Three STEPS
185 St. Lucia's Street, Il-Belt Valletta
(+356) 9951 1854
BOOK YOUR PRIVATE EVENT WITH US

# Fejn Tar iż-Żmien

*Mro. Dominic Darmanin*
*Surmast tal-Banda tas-Società Filarmonica Nazionle La Valette*



Kelli biss 15-il sena meta f'Marzu tas-sena 1978 kont qiegħed indoqq mal-Banda L'Isle Adam tar-Rabat fil-festa ta' San Ġużepp. Ġie fuqi l-mibki Freddie Buttigieg li dak iż-żmien kien jieħu ħsieb il-loġistika tal-Banda La Valette u qalli jekk irridx nibda niġi ndoqq ma' La Valette. Għidtlu iva u qalli li rrid nagħmel audition mas-Surmast Joseph Sammut. Minn dakinhar bdejt il-vjaġġ tiegħi mas-Società Filarmonica Nazionale La Valette. Għamilt 30 sena ndoqq bħala trumbunist mal-Banda La Valette fejn l-ewwel bdejt bħala terz, imbagħad sekond, imbagħad meta spiċċa Michael Ciantar ilħaqt prim trumbunist minfloku. Għal 30 sena sħaħ qatt ma fallejt il-kunċert ta' Como però l-iktar wieħed memorabbli għalija bħala bandist kien tas-sena 1993 fejn daqqejt bħala solista l-kunċert tat-Trumbun ta' Rimsky Korsakow.

Matul dawn is-snin sirt Surmast Direttur tal-Banda tal-Lunzjata ta' Ħal Tarxien u tal-Banda Pinto ta' Ħal Qormi fejn sal-lum il-ġurnata għadni nokkupa din il-kariga. Kien waqt servizz tal-Banda Pinto f'Ħaż-Żebbuġ li Jonathan Grima, li dak iż-żmien kien id-Direttur Ġenerali ta' La Valette, avviċinani u qalli li ħarġet applikazzjoni għal Surmast Direttur tal-istess Soċjetà. Ħeġġiġni biex napplika u hekk għamilt. Konna erbgħa li applikajna u wara li għamilna interview mal-uffiċċjali tal-kumitat, waqajna għal tnejn. Kien fit-8 t'Awwissu illi l-kumitat iddeċieda favur tiegħi u niftakar dak il-ħin kont qiegħed indoqq mal-Banda Santa Maria tal-Mosta meta ċempilli l-President Ray Bondin u qalli bl-aħbar, u bil-ferħ qbiżt fuq dahar id-delegat tal-Banda, Saviour Spiteri.

Fil-kunċert ta' Como ta' dik is-sena ħabbatt simbolikament l-innu Siam de La Valette meta s-Surmast Joseph Sammut għaddieli l-bakketta. Illum 15-il sena wara nerġa' intenni : "Fejn tar iż-żmien". Meta taħdem u tara x'se toħloq ġdid ma tarahx għaddej iż-żmien u ibqa' ċert illi l-istess Jonathan Grima, illum President tas-Soċjetà ma jtinix nifs għax dejjem jara x'se jivvinta u dejjem iħallini fuq ponot subgħajja. Kellna ħafna suċċessi flimkien u ta' min isemmi l-Kunċert ta' Verdi, il-Kunċert tal-Marċi Funebri u dan l-aħħar il-Kunċert tal-Operetti fejn ingħaqdu magħna mużiċisti, diretturi u kantanti barranin biex tajna spettaklu. Il-ħidma tkompli u fassalna programm estensiv u bombastiku għaċ-ċelebrazzjonijiet tal-150 sena mit-twaqqif tas-Società Filarmonica Nazionale La Valette.

Siam de la Valette

VALLETTA

# LUCIANO

RESTAURANT · CETTINA CAFÉ · LOUNGE BAR

BOUTIQUE ACCOMMODATION

21, 22 MERCHANT STREET,
VALLETTA
TEL: 21236212




*Mro. Dominic Darmanin u Mro Joseph Sammut fil-Kunċert La Sollevazione di Cristo fl-2019*



*Mro. Dominic Darmanin jidderieġi l-Banda La Valette waqt il-Kunċert Magia di Operette fl-2022*













Palazzo Preca offers a broad range of Maltese & Mediterranean food our specials board offering mouth watering cuts, while the desserts are also Home-made.

**PALAZZO PRECA RESTAURANT**
54, Strait Street, Valletta, Malta
Tel: (+356) 2122 6777 Mob: (+356) 9986 6640 / 9984 6866
Email: info@palazzoprecarestaurant.eu

**palazzoprecavalletta.com**

Scan the QR Code to view our Booking Times

# Il-Filarmonika Nazzjonali La Valette u r-rabta tagħha ma' San Pawl

*Saviour Cutajar*

San Pawl u l-Banda La Valette min jifridhom? Xejn u ħadd. Il-milja taż-żmien uriet li dak li żera' is-Sur Pawlu Darmanin fid-19 t'Ottubru, 1874 flimkien ma' grupp ta' sitta u tletin żagħżugħ belti, ilkoll ispirati minn imħabba u devozzjoni lejn San Pawl, kellu jrabbi għeruq sodi sabiex fl-10 ta' Diċembru tal-istess sena ilkoll jintrabtu f'kuntratt quddiem in-Nutar Dr Giovanni Pullicino li jiffurmaw Società ta' Banda Mużikali taħt il-bakketta tas-Surmast Luigi Carabott. Din il-Banda ġiet imsemmija għall-Granmastru La Valette mill-President tagħha n-Nobbli Ramiro Barbaro filwaqt li San Pawl inħatar il-qaddis patrun tagħha. Hekk bdiet rabta indissolubbli bejn is-Società u l-Kolleġġjata ta' San Pawl fl-istess Belt. Mal-medda tas-snin, is-Società qatt ma ċaħdet ix-xewqa tal-fundaturi tagħha li tkun protagonista ewlenija fiċ-ċelebrazzjonijiet Nazzjonali tal-10 ta' Frar, il-jum imqaddes tan-Nawfraġju tal-Appostlu Pawlu max-xtajta Maltija. Min-naħa tagħha, il-Kolleġġjata kienet dejjem kenn naturali għas-Società tant li fiha dejjem saru ċ-ċeremonji reliġjużi marbuta mal-ħajja tagħha. Min-naħa l-oħra, sal-ġurnata tal-lum, id-diretturi tas-Società jiġu maħtura minn fost il-Kanonċi tal-Kolleġġjata. Il-partitarji tal-Banda dejjem offrew kull għajnuna u donazzjonijiet lill-Kolleġġjata, tanġibbli fosthom il-par brazzi tal-fidda bl-arma tas-Società li jiġu armati fi żmien il-festa mal-pilastri maġġuri tal-presbiterju. Naraw ukoll illi l-Kapitlu ssiġilla din ir-rabta kemm-il darba b'donazzjonijiet, trofej u riġali lill-Banda.

Il-ħajja tas-Società xxebilket sa mill-bidu mal-andament tal-Parroċċa Pawlina tant li sa mill-1878 kważi dejjem ħadet sehem jew akkumpanjat il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira li toħroġ kull sena mill-knisja ta› Ġieżu. Kien f'Mejju tal-1878 li waqt kunċert fit-Teatru Manoel, il-Banda La Valette daqqet innu f'ġieħ San Pawl kompożizzjoni tas-Surmast Direttur Emmanuele Bartoli fil-preżenza tad-Duka ta' Edinburgu u l-Gvernatur Van Straubenzee. Mal-bidu tas-seklu għoxrin, naraw li s-surmast direttur ta' dak iż-żmien, l-Isqalli Gregorio Lucia kkompona il-Marcia 10 Febbraio li ndaqq fit-Teatru Rjal fil-15 ta' Mejju, 1901. Fl-istess epoka, fil-parroċċa Pawlina kienet teżisti l-Għaqda Figli di San Paolo. Din kienet taħdem id f'id mal-Banda La Valette. Xhieda ta' dan, fil-festa tan-Nawfraġju tal-1912, l-għaqda ppreżentat standard tal-Papa lill-istess Banda u li ġie mbierek mill-isqof Pietru Pace fost briju kbir wara l-Pontifikal



*Pittura tan-Nawfraġju ta' San Pawl li tinsab fis-Sede tas-Società ta' Pawlu Camilleri Cauchi*








Come Visit Us
Triq iċ-Ċiklamini, San Gwann
(Next to Lidl)

5 BEANS

COMING SOON TO VALLETTA

solenni. Kien għall-festa tan-Nawfraġju tal-1913 li l-Banda kisbet innu lil San Pawl miktub mis-Surmast tagħha Giuseppe Vitaliti. Dan l-innu żżanżan bis-sehem ta' kantanti mit-Teatru Rjal u kor kbir ta' sittin tifel. Fost sensiela ta' gari li pparteċipat fihom il-Banda u fejn saħansitra rebħet kemm-il darba it-titolu ta' eċċellenza, insemmu dak ta' Como fejn il-Pawlini bħala apprezzament offrew targa tal-fidda bil-figura ta' San Pawl.

Maż-żmien, ir-rabta bejn San Pawl u l-Banda La Valette ġiet ukoll issiġillata mis-surmast direttur tagħha Cardenio Botti illi kiteb l-innijiet immortali ad unur l-istess qaddis. Il-parteċipazzjoni fil-festi Ċentinarji tas-sena 1960, dawk tas-Sena Pawlina fl-2008-9, l-1,950 sena min-Nawfraġju fl-2010 u l-elf disa' mija u ħamsin sena mill-Martirju tal-Appostlu fl-2017 komplew taw xhieda li s-Società Filarmonika Nazzjonali La Valette hi n-nifs li jagħti l-ħajja lill-kult Pawlin fil-Kolleġġjata tal-Kapitali.



*Il-Banda La Valette waqt iċ-Ċelebrazzjoni fil-Festa ta' San Pawl fl-2022*




# SAN PAOLO NAUFRAGO

**Wine | Cocktails | Pizzeria | Mediterranean Cuisine and Platters**



**11, St. Lucia's Street, Valletta, Malta | (+356) 9951 1854**

# Jean de la Valette, il-Belt Valletta u s-Società Filarmonica Nazionale 'La Valette'

*Katja Zahra Camilleri*

L-isem tal-Belt kapitali ta' pajjiżna hu sinonimu ma' dak tal-Gran Mastru La Valette. Dan minħabba li kien permezz ta' din il-figura importanti fl-istorja tagħna li propju nbniet din il-belt. F'din il-kitba ser naraw fil-qasir min kien Jean 'Parisot' de la Valette u l-konnessjoni t'ismu mas-*Società Filarmonica Nazionale 'La Valette'*.

Jean de la Valette kien nobbli minn Quercy, min-naħa t'isfel ta' Franza u twieled fl-4 ta' Frar 1495.[1] Wieħed jista' jsib deskrizzjoni ta' La Valette propju fil-poeżija epica Spanjola '*La Maltea*' miktuba minn Hippolito Sans. F'din il-poeżija, Sans jiddeskrivi lil La Valette bħala raġel b'saħħtu u li fis-sena tal-Assedju l-Kbir (1565) kellu seba' u sittin sena.[2] L-Ispanjol Balbi jaqbel ma' Sans fuq id-deskrizzjoni ta' La Valletta, u jiddiskrivih bħala bniedem twil, matur u b'saħħtu.[3]

Ta' għoxrin sena hu daħal fl-Ordni ta' San Ġwann, bħala Kavallier ta' Provenza. M'hemmx indikazzjoni li qatt reġa' żar art twelidu. Il-karriera tiegħu bħala Kavallier tal-Ordni kienet imżewqa. Ftit hu magħruf fuq il-bidu ta' ħajtu bħala kavallier, ħlief li kien preżenti għall-assedju ta' Rodi u li kien wieħed minn dawk li akkompanja lil Gran Mastru L'Isle Adam minn Rodi sa Malta.

Naraw kif fl-1534, La Valette ħa f'idejh il-galera San Giovanni Battista.[4] Fl-1538, La Valette qatta' erba' xhur ħabs f'Għawdex u wara ġie mibgħut Tripoli għal sentejn biex jkompli s-sentenza tiegħu. Ir-raġuni għal dak il-kastig kien li kien aġixxa b'mod aggressiv ma' sħabu l-Kavallieri l-oħra.[5] Fl-1541 waqt battalja navali kontra Abd-ur-Rahman Kust Aly, La Valette ġie midrub u ħaduh l-Ottomani bħala skjav fuq ix-xwieni tagħhom li kienu mmexxijin taħt Turgut Reis, magħruf bħala Dragut. Iżda sena wara



*Statwa tal-bronz ta' La Valette minn Joseph Chetcuti, 2012*

ġie meħlus peress li kien sar xi skambju ta' priġuniera.[6]

Fl-1546 La Valette ġie elett bħala Gvernatur ta' Tripoli. Hawn hu kien maħbub u sa mill-bidu tal-kariga tiegħu ra kif għamel sabiex jsaħħaħ il-fortifikazzjonijiet ta' din il-belt. Kien matul dan iż-żmien li La Valette ħaqqaha sew ma' Dragut. It-tnejn li huma kienu b'fama ta' baħrin u kursara tajba. Filfatt, La Valette kien magħruf bħala "t-Terrur tal-Asja u l-Afrika u t-Tarka tal-Ewropa" filwaqt li Dragut kien "x-Xabla Misluta tal-Iżlam".[7] Li La Valette ġie elett gvernatur ta' Tripoli kienet manuvra strateġika


MORGAN
MORGAN DE TOI
SLIEMA | VALLETTA | MOSTA | GOZO

min-naħa tal-Ordni, għaliex l-Ottomani kienu dejjem riedu li jkollhom kontrol ta’ din il-Belt. Għal ftit snin l-Ordni rnexxilhom, iżda fl-1551, Tripoli waqgħet f’idejn l-Ottomani.[8]

Fl-1554, ftit wara li telaq minn Tripoli, La Valette ġie elett bħala l-Ammirall tal-Galeri tal-Ordni.[9] Dan kien pass importanti fil-karriera militari tiegħu għaliex normalement din il-kariga kienet tmur għand dawk il-kavallieri tal-lingwa Taljana.[10] Mertu wkoll tal-kapacità ta’ La Valette bħala baħri.

Ma damx wisq f’din il-kariga għaliex fl-1557, mal-mewt tal-Gran Mastru Claude de la Sengle, La Valette ġie elett bħala id-disgħa u erbgħin Gran Mastru tal-Ordni ta’ San Ġwann. Li La Valette ġie elett Gran Mastru m’għandiex tkun ta’ sorpriża, iżda pass strateġiku tajjeb, għaliex f’Malta kienu qed jistennew attakk imminenti min naħa tal-Ottomani.

Isem La Valette hu minqux fl-istorja Maltija grazzi għar-rebħa tal-Assedju l-Kbir tal-1565. Taħt it-tmexxija tiegħu bħala Kmandant tal-Kavallieri, Malta rnexxilha tegħleb l-għadu Ottoman. Matul l-Assedju, li dam bejn wieħed u ieħor erba’ xhur, l-Ordni kien minn taħt iżda xorta rnexxielu joħroġ rebbieħ. Din ir-rebħa, propju dakinhar tat-8 ta’ Settembru 1565, kisbet ġieħ kbir mhux biss għal La Valette imma wkoll għal Malta.

Monument ħaj ta’ din ir-rebħa kien il-bini ta’ belt ġdida fuq l-Għolja Xiberrass, propju fejn l-Ottomani kellhom l-akbar telfa! L-art għal dan iċ-ċentru amministrattiv ġdid tal-Ordni, kienet ilha magħżulha, mill-1524.[11] L-Għolja Xiberras intgħażlet minħabba l-post strateġiku tagħha viċin il-port naturali. Iżda mal-wasla tagħhom, ċ-ċirkustanzi riedu li fl-1530 il-Kavalleri użaw lill-Borgo, illum il-Birgu, bħala ċ-ċentru amministrattiv taggħhom. Il-




*Valletta Citta Nova di Malta. Mappa ta' Matthaus Merian, 1638*

B

# BONACI CATERERS

*by Shawn Bonaci*

Bonaci Caterers & Administration Office

L-Arka Ta' Noe, Triq Bur ix-Xewk, Siggiewi, Malta

bonacicaterersmalta@gmail.com

+356 7944 1410 / 9985 8430

Bonaci Caterers Malta




2023
Travellers' Choice
Tripadvisor
sandwich
GRANO
aperitivo
granovalletta
21242718
St. Lucia Street, Valletta

# Christmas

## HAMPER COLLECTION 2023

A collection of gift hampers bursting with seasonal delights and tempting treats for all to enjoy!




PURCHASE OUR HAMPERS ONLINE AT WWW.TAL-HELU.COM
OR CALL ON +356 2124 1642 TO PLACE YOUR ORDER

CAMILLERI TAL-HELU




10 YEAR WARRANTY

Finestral®
ENERGY EFFICIENT uPVC APERTURES

Contact us for a FREE on-site quotation.

A SUB 092B, Qasam Industrijali, San Gwann, SGN 3000
T 2146 3522 M 9942 3326
E sales@finestralmalta.com

www.finestralmalta.com

Authorised Manufacturers and Installers

deceuninck

Logografix™ SIGNS

www.logografixsigns.com

periti ta' din il-Belt ġdida kienu Bartolomeo Genga u Baldassarre Lanci. Magħhom kien hemm ukoll il-perit tal-Vatikan Francesco Laparelli, megħjun mill-Malti Ġlormu Cassar.[12]

Fl-1566 La Valette nnifisu qiegħed l-ewwel ġebla ta' din il-belt ġdida, fil-binja tal-Knisja tal-Vitorja. Fil-post fejn tqegħdet il-ġebla, il-Gran Mastru ħalla xi flus u medalji kommemorattivi. Fuq l-ewwel ġebla ġie minqux bil-Latin iskrizzjoni li din il-belt l-ġdida ser tissemma Valletta wara l-Gran Mastru u li l-arma tagħha ser tkun ta' iljun tad-deheb fuq sfond aħmar.[13] Il-motto għal Belt Valletta ġie deċiż fl-1567[14] bħala *Humilissima Civitas Vallettae* - u kienet meqjusa bħala l-iktar belt fortifikata u esklussiva ta' dak iż-żmien. Sfortunatament La Valette ma rax il-Belt Valletta titlesta, għaliex miet waqt li kien qed jitlob fl-21 ta' Awwissu 1568 - 455-il sena ilu. Il-bini tal-Belt tkompla bl-isforzi tal-GranMastru Del Monte u fl-Marzu tal-1571 iċ-ċentru amministrattiv mexa lejn din il-Belt il-ġdida.

Bħala rikonoxximent lejn il-fundatur ta' din il-Belt, fl-2012, ġiet inawgurata Pjazza de Valette li tinsab propju bejn Triq Zakkarija u t-Teatru l-Antik. F'nofs din il-pjazza hemm ukoll statwa ddedikata lilu. Twila żewġ metri u nofs, u maħduma fil-bronz, din l-istatwa ta' Joseph Chetcuti turi lil La Valette liebes l-armatura bil-pjanta tal-Belt Valletta f'id u bix-xabla tar-rebħa fl-id l-oħra.

Iżda l-wirt ta' La Valette għadu jkompli sal-llum. Isem La Valette sar sinonimu mhux biss ma' Malta iżda mal-Belt Kapitali tagħha b'diversi għaqdiet msemmijien għalih; fosthom is-*Società Filarmonica Nazionale La Valette*.

Din is-Società din is-sena wkoll għandha anniversarju importanti - il-150 sena mit-twaqqif tagħha. Kien Paolo Darmanin li waqqaf din l-għaqda fid-19 ta' Ottubru 1874. Fuq l-isem kien hemm min xtaqt li jsemmiha għal San Pawl, peress li hija Società magħmula mill-



*Mro. Luigi Carabott,*
*l-ewwel Surmast tal-Banda La Valette*

Pawlini għal festa ta' San Pawl Nawfragu, iżda kien il-Markiż Ramiro Barbaro di San Giorgio li ħareġ bl-idea li din l-għaqda tissemma għal Gran Mastru La Valette - propju *Società Filarmonica Nazionale La Valette*. Ta' min jgħid ukoll li dak iż-żmien, kienet prassi normali li l-isem tal-każini jew baned jkun bit-Taljan.[15] L-idea ntlaqtet tajjeb u fil-fatt l-isem għadu hekk sal-lum.[16] Apparti l-isem, din is-Società hi magħrufa ukoll bħala tal-Ajkla - wieħed mis-simboli fuq l-arma tal-familja La Valette.

L-ewwel surmast kien il-Mro. Luigi Carabott[17] iżda ma kienx tal-aħħar għaliex matul iż-żminjiet din is-Società għandha lista twila ta› surmastrijiet li bil-ħila tagħhom u tal-mużiċisti rnexxilihom jiksbu suċċess wara ieħor, bħal il-konkors fl-Algerija fl-1912.[18] Ewlieni fost dawn is-suċċessi kien l-ewwel premju fil-konkors ta' Como taħt is-Surmast Cardenio Botti fl-1927.

Bix-xieraq, l-Innu ta' din is-Società huwa ukoll msemmi għal dan il-Gran Mastru hekk



IS-SUQ TAL-BELT

VALLETTA FOOD MARKET

#issuqtalbelt

arkadia

FOODSTORE






merkanti

PASSION FOR MALTESE FOOD

EST. 2016

BUS STOP

LOUNGE



famuż. Fil-fatt dan l-innu, mużika u versi, huma miktubin mis-Surmas Botti u indaqq l-ewwel darba fid-9 ta' Settembru 1923.[19]

Fil-mija u ħamsin sena li din is-Società ilha imwaqqfa pparteċipat f'diversi ġrajjiet importanti fl-istorja tagħna, fosthom: l-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali fl-1913, it-Twaqqif tal-Assemblea Nazzjonali fl-1919, waqt il-funerali tal-Vittmi tas-Sette Giugno fl-1919, fl-ewwel festa tal-Vitorja bħala festa Nazzjonali fl-1922, l-Kungress Ewkaristiku Djoċesan fl-1939, f'ċelebrazzjonijiet tal-Inkurunazzjoni tar-Reġina Eliżabetta II fl-1953, kif ukoll waqt żjara irjali fl-1954, fil-Festi Ċentinarji Pawlini fl-1960 u fil-Festi tal-Indipendenza fl-1964, fost ħafna oħrajn.

Dawn iż-żewġ anniversarji importanti, dak tal-455 sena mill-mewt tal-Granmastru La Valette kif ukoll il-150 sena mit-twaqqif tas-*Società Filarmonica Nazionale 'La Valette'* jorbtu magħhom għadd kbir ta' stejjer u avvenimenti importanti mill-istorja kemm bħala pajjiż kif ukoll tal-Belt Valletta. Is-Società li ġġib ismu għamlet avvanzi kbar kemm bħala Società mużikali kif ukoll bħala parti integrali mill-komunità Beltija u Pawlina. La Valette, apparti li kien strumentali fil-bini tal-Belt Valletta, huwa meqjus bħala karattru importanti fl-istorja ta' Malta sewwa sew minħabba l-qlubija tiegħu fl-Assedju l-Kbir u il-wirt li ħalla warajh propju fil-Belt Valletta.

## Bibliografija


Azzopardi, L. 2017. *Grand Master Valette : biographical notes*. B.A.(HONS)HISTORY (Melit)

Cassar, G. 2011. Jean de la Valette and Pietro de Monte : two grand masters, one mission. In G. Cassar (Ed.), *From the Great Siege to the Battle of Lepanto : the life and times of Malta and the Order of St John, 1565-1571*, pp. 167-184. Malta: Sacra Militia Foundation.

Cassola, A. 1999. *The 1565 Great Siege of Malta and Hipolito Sans' La Maltea*. San Gwann : P.E.G

Ciarlo, J. 1994. *Socjeta Filarmonika Nazzjonali "La Valette" : l-ewwel mitt sena storja, 1874-1974*. Valletta : Società Filarmonika Nazzjonali "La Valette"

Frendo, A. 2017. *Maltese philharmonic societies up to the first half of the 20th century*. Festa [San Ġiljan] 2017, pp.126-127, 129

Howard, J. 1902. *La Società La Valette : discorso letto dal Presidente Sig. J. Howard in occasione del festino in omaggio ai neo-eletti Vice-Presidente effettivo e membri onorari : il dì 4 maggio 1902*. Archive Pamphlets (Archv. Pamph. 19.15). University of Malta Library, Archives & Rare Books dept.

Mifsud Bonnici, R. 1959. *Società' Filarmonica Nazionale "La Valette" : ġrajja dokumentata.* Malta : Giov. Muscat

Leopardi, E.R. (1966). *The foundation of Valletta*. Malta Yearbook 1966, pp. 322-326

Spiteri, S.C. 2005, The Great Siege : Knights vs Turks MDLXV : anatomy of a hospitaller victory. Malta : Stephen Spiteri.

Vella, A.P. 1975. The Order of Malta and the defence of Tripoli 1530-1551. *Melita Historica*, 6(4), pp. 362-381.


## Referenzi


1. Spiteri, S.C. 2005, The Great Siege : Knights vs Turks MDLXV : anatomy of a hospitaller victory. p. 44
2. Cassola, A. 1999. The 1565 Great Siege of Malta and Hipolito Sans' La Maltea, p. 101
3. *Ibid,* p. 105
4. Azzopardi, L. 2017. Grand Master Valette: biographical notes. B.A.(HONS)HISTORY (Melit), p. 2
5. Spiteri, S.C. 2005, The Great Siege : Knights vs Turks MDLXV : anatomy of a hospitaller victory. p. 44
6. Spiteri, S.C. 2005, The Great Siege : Knights vs Turks MDLXV : anatomy of a hospitaller victory. p. 44
7. Vella, A.P. 197. The Order of Malta and the defence of Tripoli 1530-1551. Melita Historica, 6(4), p. 373
8. Vella, A.P. 1975. The Order of Malta and the defence of Tripoli 1530-1551. Melita Historica, 6(4), 362-381
9. Spiteri, S.C. 2005, The Great Siege : Knights vs Turks MDLXV : anatomy of a hospitaller victory. p. 44
10. Spiteri, S.C. 2005, The Great Siege : Knights vs Turks MDLXV : anatomy of a hospitaller victory. p. 47
11. Spiteri, S.C. 2005, The Great Siege : Knights vs Turks MDLXV : anatomy of a hospitaller victory. p. 111
12. Leopardi, E.R. 1966. The foundation of Valletta. Malta Yearbook 1966, 322-324
13. *Ibid,* p. 324
14. *bid*, p. 325
15. Frendo, A. 2017. Maltese philharmonic societies up to the first half of the 20th century. Festa [San Ġiljan] 2017, p. 126
16. Mifsud Bonnici, R. 1959. Società Filarmonica Nazionale "La Valette" : ġrajja dokumentata. Malta : Giov. Muscat
17. Howard, J. (1902). La Società La Valette : discorso letto dal Presidente Sig. J. Howard in occasione del festino in omaggio ai neo-eletti Vice-Presidente effettivo e membri onorari: il dì 4 maggio 1902. Archive Pamphlets (Archv. Pamph. 19.15). University of Malta Library, Archives & Rare Books dept.
18. Ciarlò, J. 1994. Socjeta Filarmonika Nazzjonali "La Valette": l-ewwel mitt sena storja, 1874-1974. Valletta: Soċjetà Filarmonika Nazzjonali "La Valette" p. 102-11
19. Ibid, p. 146-150

# Mro Jacob de Haan

*għall-ewwel darba f'Malta*

*16 ta' Marzu*

*Fil-Katidral tal-Imdina*



**Soc. Fil. Naz. La Valetta A,D.1874**


City Crown
NOW
OPEN
IN
VALLETTA
BEER . COCKTAILS . BEEF SALOON
OLD THEATRE STREET | 77930060

# Programm

**Il Naufragio di San Paolo (1899)**
**Sinfonia in Si Bemolle**

**Mużika: Dr Paolo Nani**

**Excelsam Pauli Gloriam**

**Mużika: Marco Frisina**

**Iubilate Deo**

**Mużika: Marco Frisina**

**La Via Dei Martiri**

**Mużika: Marco Frisina**

**Magnificat Anime Mea**

**Mużika: Marco Frisina**

**Pacem In Terris**

**Mużika: Marco Frisina**

**Open the Doors**

**Mużika: Marco Frisina**

# Apostolo delle Genti

## Shemà Isreal

**Mużika: Marco Frisina**

## Apostolo delle Genti

**Mużika: Marco Frisina**

## Jesus Christ You Are My Life

**Mużika: Marco Frisina**

## Final mill-Oratorju ‘Pawlu ta’ Malta’ (1985)

**Mużika - Charles Camilleri**
**Librett - Oliver Friggieri**

## Inno La Valette

**Kliem u Mużika: Mro Cardenio Botti**

## Innu Malti

**Kliem: Dun Karm Psaila**
**Mużika: Mro Robert Samut**




QUEEN VICTORIA
CITY PUB
SOUTH STREET VALLETTA

# FOOD ⚜ ALES ⚜ BEERS
# WINES & SPIRITS
# COCKTAILS

SOUTH STREET VALLETTA

# Mons. Marco Frisina



Mons. Marco Frisina huwa saċerdot Kattoliku u kompożitur minn Ruma u huwa d-Direttur tal-Ċentru għall-Kult u s-Santifikazzjoni tal-Vikarjat f'Ruma.

Wara li temm il-Liceo Classico, Frisina ggradwa mill-Università ta' Sapienza f'Ruma u sussegwentement fil-kompożizzjoni fil-Conservatorio Santa Cecilia. Wara daħal fis-Seminarju Pontifiċju maġġuri ta' Ruma fl-1978 fejn studja t-teoloġija fl-Università Pontifiċja Gregorjana u kiseb il-liċenzja fl-Iskrittura Mqaddsa fl-Istitut Pontifiċju Bibliku ta' Ruma.

Fl-1982 ġie ordnat saċerdot u ġie assenjat fid-Djoċesi ta' Ruma. Membru tal-Kunsill Pontifiċju għall-Promozzjoni tal-Evanġelizzazzjoni l-ġdida, ġie promoss bħala ċ-chairman tal-Kummissjoni Djoċesana tal-Arti Mqaddsa għad-Djoċesi ta' Ruma u mill-2009 rettur tal-knisja ta' Santa Ċeċilja fi Trastevere. Huwa Professur fl-Università Pontifiċja tas-Salib Imqaddes u fl-Istitut Pontifiċju tal-mużika Sagra.

Fl-1984 waqqaf il-kor tad-Djoċesi ta' Ruma li dderieġa kontinwament għal aktar minn erba' deċennji. Iffurmat minn 250 element, il-kor involva ruħu f'diversi avvenimenti internazzjonali u quddies iċċelebrati mill-Papa. Sa mill-1985 kien id-direttur tal-Kappella Piju Pontifiċja tal-Lateran fl-Arċibażilika ta' San Ġwann Lateran, kor li hu kompost minn 32 kantur u 2 organisti. Fl-1991 Frisina beda kollaborazzjoni ma' serje televiżiva bl-isem Le Storie della Bibbia prodotta minn Lux vide, fi kwalità ta' konsulent Bibliku u kompożitur mużikali. Huwa ħadem flimkien mal-kompożitur Taljan Ennio Morricone.

Fl-1993 inħatar bħala kappillan personali tal-Papa. Erba' snin wara, Ġwanni Pawlu II għamillu akkademiku ordinarju virtuż tal-Akkademja Pontifiċja tal-Arti u ittri tal-Virtuosi al Pantheon, li tagħha Frisina sar ukoll l-assistent spiritwali.

Fl-2007 ikkompona l-musical La Divina Commedia Opera, l-ewwel trasponiment mużikali tax-xogħol omonimu ta' Dante Alighieri. Kien dramm ta' żewġ atti b'librett ta' Gianmario Pagano u maħdum mill-kumpanija mużikali Internazzjonali. Fl-2011 ikkompona l-innu uffiċjali għall-beatifikazzjoni ta' Ġwanni Pawlu II u kien il-punt fokali liturġiku taċ-ċelebrazzjonijiet relatati.

F'Settembru 2014 organizza f'Ruma l-ewwel kungress nazzjonali tal-korijiet reliġjużi Taljani, li f' Ottubru 2016 kien segwit mill-Ġublew tal-korijiet. Mill-2015, huwa kien Direttur artistiku tal-kunċert mal-foqra u għall-foqra li sar fis-Sala Pawlu VI.

Huwa kien inkarigat mill-mużika u d-direzzjoni tal-ispettaklu "Dante in Musica", b'direzzjoni ta' Andrea Ortis, rebbieħ fl-2020 tal-Persephone Award bħala l-aqwa musical Taljan tas-sena.




Strand Palace
Agencies Limited

E info@strand.com.mt
T +356 2144 1768
www.strand.com.mt

# Rosabelle Bianchi



Is-Sopran Rosabelle Bianchi ggradwat fil-Baċellerat tal-Istudji tal-Mużika bl-Unuri u P.G.C.E. fit-tagħlim tal-mużika mill-Università ta' Malta. Preżentement hija titgħallem taħt Juliette Bisazza Zanni. Rosabelle ipparteċipat f'diversi master classes organizzati mill-British Kodaly Association fl-Ingilterra u fl-Italja mill-OPERVIVA taħt it-tuturi mill-Università ta' Juilliard fost oħrajn. F'Malta kompliet bl-iżvilupp tal-vuċi fost oħrajn taħt il-baritonu Ġermaniż Thomas E. Bauer, il-baritonu baxx Daniel Lichti u Laura Sarti. Rosabelle ħadet sehem fost oħrajn fir-*Rencontres Musicales de la Mediterranee festival* f'kunċert operistiku f'Bastia, Korsika u n-Nato Musikfest Monchengladbach fil-Ġermanja akkumpanjata mill-Banda tal-Forzi Armati ta' Malta taħt it-tmexxija tal-Maġġur John Ivan Borg. Hija wkoll irrappreżentat lil Malta f'Ateni waqt il-Presidenza ta' Malta fil-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fl-2017 meta kantat fil-Kunċert Gala f'Jum l-Ewropa organizzat mill-MoFA b'kollaborazzjoni mar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni Ewropea bl-għajnuna tas-Sur Joseph Cuschieri, Ambaxxatur ta' Malta għall-Ġreċja. Kellha diversi rwoli fosthom Ghost Jester fl-opra *The Maltese Cross* f'Pariġi, Mari f'*Il-Wegħda*, Elisabeth f'*Elisabeth: or to be a Mann,* it-tliet opri ta' Charles Camilleri, Dido f'*Dido and Aeneas* ta' Purcell, Paquette, f'*Bernstein's Candide*, It-tieni mara f'*The Magic Flute* ta' Mozart and Gianetta f'*L'Elisir d'Amore* ta' Donizetti. Ir-repertorju ta' Rosabelle jinkludi diversi mużika sagra, Lieder, opra u xogħlijiet kontemporanji.


Royalty
Bedding & More
www.royaltybedding.com
Zone 5, Triq il-kummerċ
Central Business District
Qormi
+356 2144 9253
info@royaltybedding.com

# Charles Vincenti



Charles beda jistudja l-vuċi fl-iskola tal-Mużika Johann Strauss mal-mezzosopran Claire Massa. Fis-sajf tas-sena 2000, huwa attenda l-Kodaly International School fl-Ingilterra taħt il-gwida tas-sopran Ungeriza Eva Andor. Preżentament qiegħed taħt il-gwida ta' Juliette Bisazza Zanni.

Ir-rwoli operistiċi ta' Charles jinkludu Rinuccio f'*Gianni Schicchi*, Spoletta f'*Tosca,* Goro f'*Madame Butterfly* u Pang (*Le Maschere*) f'*Turandot*, Roderigo f'*Otello*, Tybalt f'*Romeo et Juliette*, The Governor/Vanderdendur/ Ragotski f'*Candide*, Aeneas f'*Dido and Aeneas*, Monostatos f'*Die Zauberflöte*, Edoardo f'*Il cambiale di matrimonio*, Turiddu f'*Cavalleria Rusticana* u Nikol f'*Il-Wedgħa*. F'Marzu 2007 u f'kollaborazzjoni bejn it-Teatru Manoel u Opera Laboratorio ta' Palermo, Charles kanta r-rwol ta' Nemorino f'*L' Elisir d' Amore* ta' G. Donizetti fil-BOV Opera Festival.

Charles ħa sehem f'diversi kunċerti fejn kanta xogħolijiet sagri ta' Bach, Handel, Haydn, Mozart, Rossini u Gounod fosthom l-*Oratorio de Noel ta' Saint-Saens*, ir-*Requiem* u l-*Coronation Mass* ta' Mozart, il-*Christmas Oratorio* u *St Matthew Passion* ta' Bach, *Petite Messe Solennelle* ta' Rossini, *Messa di Gloria* ta' Puccini, *Messe Solennelle de Sainte Cécile* ta' Gounod, *Mass in C major Op.86* ta' Beethoven u l-irwol ta' Ubaldo Piangi fil-*Phantom of the Opera*. Xogħlijiet ta' kompożituri Maltin jinkludu l-*Messa da Requiem* u l-*Messa Grande* ta' Paolino Vassallo, il-*Messa da Requiem* ta' Antonio Nani, il-kantata *Trionfo di Fede, Eternal Triumph* u *Te Deum* ta' Carmelo Pace, *Għanjiet il-Bniedem Solitarju* ta' Albert Pace, il-*Kantici ta' San Luqa* ta' Joseph Sammut, *Xogħlijiet Liturġiċi għal San Ġwann* ta' Nicolo Isouard, *Xogħlijiet għall-Ġimgħa Mqaddsa* ta' Anton Nani u Pietro Paolo Bugeja, il-kantata *Rewwixta* ta' Profs Joseph Vella, kif ukoll kunċerti ta' natura operistika.

F'Awwissu 2002 kien mistieden minn National Youth Orchestra of Ireland biex ikanta fil-produzzjoni tal-*Wagner Cycle – "Der Ring des Nibelungen"*, organizzat b'kollaborazzjoni mal-*Jeunesse Musicales Internationale* u f'Novembru 2006 kien mistieden mit-Teatru Nazzjonali ta' Bastia f'Korsika biex ikanta fil-kunċert operistiku organizzat mir-"*Rencontres Musicales de Mediterranee"*. Fi Frar 2010, Charles kanta f'kunċert f'Mumbai fl-Indja fuq stedina tal-*Bombay Chamber Orchestra.*

Charles għandu Baċellerat fl-Istudji Mużikali u P.G.C.E. fil-Mużika mill-Università ta' Malta

# Eddie's

# Café Regina

*Esthablished 1947*



9, Republic Square, Valletta

✆ +356 2124 6454

✉ eddiescafe1947@gmail.com

8:00am till 10:00pm

# Simone Attard u l-Kor Mirabitur



Simone Attard bdiet l-istudji tagħha ta' erba' snin ma' Sr Beniamina Portelli u ġabet id-diplomi, A.T.C.L. and L.T.C.L.. Fl-1988, rebħet scholarship għal Siena fil-qasam tal-pjanu. Wara ħadet lezzjonijiet fit-teknika tal-pjanu u interpretazzjoni taħt il-Professur Michael Laus, fejn ġabet id-diploma tal-L.R.S.M. Fl-1991, ggradwat bil-B.Ed (Hons.) fil-Mużika u l-Edukazzjoni Primarja mill-Università ta' Malta.

Is-Sinjorina Attard ukoll kompliet l-istudji akkademiċi tagħha fejn ġabet il-Post Graduate diploma fl-Edukazzjoni u l-Amministrazzjoni Maniġerjali fl-2007. Fil-livell avvanzat tat-typing kienet ġiet fl-ewwel post fid-dinja. Simone hi pjanista li bħala solista daqqet bosta drabi fit-teatri u swali ta' kunċerti f'Malta, kif ukoll barra minn Malta – l-Ingilterra, Sqallija, l-Italja, il-Ġermanja, l-Filippini. Fosthom insemmu l-kunċert għall-pjanu Numru 3 C minor ta' Beethoven li daqqet taħt il-bakketta tal-mibki Prof. Joseph Vella fit-Manoel Theatre; kunċerti ta' nofsinhar; kunċert għall-Harpsikord ta' Cimarosa, u kunċerti fil-Palazz tal-President.

Minn barra dawn, is-Sinjorina Attard hija akkompanjatriċi u daqqet ma' bosta mużiċisti – kemm mużiċisti kif ukoll kantanti - Maltin u barranin. Fosthom insemmu li akkumpanjat lit-tenur rinomat internazzjonalment Joseph Calleja li miegħu daqqet għal 21 sena. Hi tħobb ħafna ċ-chamber music u fil-fatt kienet membru ta' diversi gruppi u wkoll ddoqq ma' diversi baned lokali. Għamlet bosta snin ukoll taħdem bħala répétiteur u pjanista waqt master classes organizzati mill-Iskola tal-Mużika, kif ukoll repetiteur għall-bosta opri li saru fit-Teatru Manoel.

Simone kienet membru ta' diversi korijiet minn età żgħira, fosthom fil-kor ta' Santa Monica, Collegium Musicum, Teatru Manoel, Korijiet ta' Prof. Vella. Ħadet sehem mal-Valletta Dramatic Company fil-produzzjonijiet tal-operetta bħala korista u wara bħala pjanista fl-orkesta. Il-kant baqa' wieħed mill-fergħat preferuti tas-Sinjorina Attard u hi fil-fatt kienet l-ewwel għalliema u direttriċi mużikali tal-kor tal-Malta Children's Choir, tal-Johann Strauss School of Music Youth Choir, għalmet il-Kor tat-teatru Manoel (għal tmien opri) u wkoll kienet id-direttriċi mużikali tal-

CHEERS
wine & more
📍20, Triq Santa Lucia, Valletta.

CASA LAPIRA
LIVING
239, St. Ursula Street, Valletta
info@casalapira.com | www.casalapira.com | +356 9944 6146



kor New Choral Singers għal xi ftit ukoll. Kienet ukoll għalliema tal-korijiet u solisti għal aktar minn għoxrin musicals ma' diversi kumpaniji – Act React, Masquerade, MADC u skejjel, kif ukoll għal bosta pantomimi mal-MADC.

Simone bdiet il-Kor Mirabitur, li tiegħu hi d-direttur mużikali fis-Sajf 2002, għalkemm kien ikollhom bosta aktar attivitajiet qabel ma ngħata dan l-isem. Il-kor kanta f'diversi kunċerti fosthom fir-Requiem Mass ta' Verdi u Stabat Mater ta' Rossini, The Peacemakers, Porgy and Bess, fil-kunċert tal-għaxar anniversarju mill-bidu tal-karriera ta' Joseph Calleja. Ikantaw ukoll ma' diversi baned Maltin, u orkestri fosthom mal-Orkestra tat-Teatru Manwel u l-Orkestra Filarmonika ta' Malta. Ir-repertorju tagħhom huwa wieħed vast ħafna – ivarja minn quddisiet, kantati, oratorji, opri, siltiet minn operetti, musicals, mużika aktar popolari u innijiet. Il-kor kanta wkoll diversi kompożizzjonijiet ta' kompożituri Maltin u li tagħhom għamlu wkoll rekordings.

The Mirabitur Youth Choir, li tiegħu s-Sinjurina Attard hija l-fundatriċi u direttriċi mużikali beda jiffunzjoni mis-sena 2010. Dan il-kor ħa l-ewwel post fil-kategorija tal-korijiet tat-tfal fl-International Choir Festival u ħa wkoll l-Gold Diploma wara biss sena mill-bidu tiegħu. Il-kor kanta live fuq stazzjonijiet Maltin kif ukoll ħa sehem f'bosta kunċerti fosthom fil-Via Sagra Nazzjonali, fil-Palazz ta' San Anton, fil-Palazz tal-Verdala, fl-opra Pagliacci fit-Manoel Theatre (mal-MPO), fi tliet edizzjonijiet tan-Notte Bianca, u fil-quddies tal-inawgurazzjoni tal-President of Malta Onor. Marie Louise Coleiro, Il-kor ġie mistieden ukoll biex ikanta fil-farewell concert tal-President ta' Malta Dr George Abela, fil-kunċert dedikat għall-Queen mal-MPO, kif ukoll f'Porgy and Bess, Carmina Burana, u fil-Peacemakers (Jenkins) – kollha mal-Malta Philharmic Orchestra fil-Mediterranean Conference Centre taħt diversi surmastri – l-ewwel tlieta ma' Mro Sigmund Mifsud, wieħed ma' Mro Wayne Marshall u l-aħħar mal-kompożitur stess Karl Jenkins.




TAS-SOLI
KĊINA MALTIJA

33, Archbishop Street, Valletta

Tel: +356 27863497

+356 99458356

Aaron's
-kitchen-

107, Archbishop, Street, Valletta

Tel: +356 21230636

+356 99458356

Il-kor kanta wkoll f'Ruma, fil-Vatikan u fil-knisja ddedikata lil San Gregorju VII, u wkoll f'Assisi, fil-Bażilika Inferjuri ta' S Franġisk. Il-kor kanta wkoll f'Behold the Night tal-kompożitriċi Larysa Kuzmenko fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann flimkien mal-MPO u Mro Brian Schembri bħala waħda mill-attivitajiet imħejjin għaċ-CHOGM. Il Mirabitur Youth choir irnexxielu jsib postu fil-ktejjeb We are the Future fejn fih insibu informazzjonijiet dwar korijiet tat-tfal fl-Unjoni Ewropea kif ukoll informazzjoni tal-pajjiżi li ġejjin minnhom inkluż informazzjoni fuq il-gżejjer Maltin tagħna.

Il-kor ġie mistieden biex jieħdu sehem fis-CD - TAQBILA Għanjiet tat-tfal - fejn diversi poeżiji fil-kotba Ġabra ta' ward ġew immużikati minn Mro Dominic Galea. Dan is-CD ġie mqassam fl-iskejjel Primarji biex ikun parti mir-riżorsi tal-għalliema. Il-qligħ kollu ta' din ic-CD mar għal għan filantropiku. Il-korijiet tas-Sinjorina Attard kantaw wkoll għal diversi attivitajiet filantropiċi fosthom fid-Dar tal-Providenza, fil-Pellegrinaġġ Nazzjonali Marjan u dak tal-Via Sagra (it-tnejn l-Imdina) u fid-djar tal-anzjani. Fergħa oħra mill-Kor Mirabitur huwa l-Mirabitur Ladies' Choir li beda f'Diċembru 2017.

Dan il kor s'issa ikanta biss għall-kunċerti fi żmien il-Milied u fosthom ta' min insemmu li pparteċipaw fl-International Choir Christmas Festival. Is Sinjurina Attard kienet ukoll pjanista u perkussjonista part-time mal-Orkestra tat-Teatru Manwel, kif ukoll part-time lecturer fl-Università ta Malta. Simone kienet ukoll għalliema tal-kor u repetiteur fl-iskola tal-mużika Johann Strauss għal sittax il-sena. Wara laħqet Assistant Head, fejn xorta baqgħet bħala part timer l-iskola tal-mużika għal xi snin. Preżentament hija l-Kap tal-Iskola tal-Baħrija Primary School, fi ħdan il-Kulleġġ San Nikola. Ingħatat ukoll ir-rwol li tidderieġi l-attivitajiet tal-Bażilika tal-Mosta fil-festa ta' Sta Marija minn Awwissu 2018 u ngħatat ukoll il-Kor ta' Santa Ċecilia minn Settembru 2021.






Rampila has a wonderful historic vaulted tunnel dining room leading to the most beautiful terrace on the Valletta bastions with stunning views overlooking City Gate Bridge.

We are proud of our kitchen which is open for lunch and dinner. The menu includes Maltese and Mediterranean dishes.

We have a full bar service and an excellent choice of wines at our exquisite wine bar.

*Please come along and join us!*

Rampila Restaurant, 1, St. John's Cavalier Street, Valletta
For reservations call (+356) 9944 1120, (+356) 2122 6625 info@rampila.com www.rampila.com



# Mro Dominic Darmanin



Mro. Dominic Darmanin twieled il-Belt Valletta f'Mejju tal-1962. Beda l-istudji mużikali tiegħu fl-età ta' 9 snin fl-iskola tas-Salеżjani St Patrick's f'Tas-Sliema u fl-iskola tal-mużika Johann Strauss. Tgħallem it-trumbun taħt id-direzzjoni ta' Mro. Anthony Zammit u aktar tard, taħt il-gwida ta' Mro. Paul Borg fejn akkwista tliet diplomi: ALCM, LLCM u FLCM. Studja l-armonija u l-kuntrapunt għand il-mibki Mro. Carmelo Pace u għand il-Profs. Charles Zammit fejn iggradwa bid-diploma A.Mus.LCM.

Ta' 15-il sena għamel l-ewwel dehra tiegħu bħala solista fuq it-trumbun fil-Casino Maltese. Fost l-esekuzzjonijiet mużikali tiegħu jissemma s-solo li esegwixxa fuq it-trumbun f'Novembru tal-1993 meta daqq il-kunċert għat-trumbun ta' Rimsky Korsakov mal-Banda La Valette.

Għallem f'diversi baned Maltin u Għawdxin sakemm fl-1993 inħatar Surmast Direttur tas-Soċjetà Filarmonika Pinto Banda San Sebastjan. Huwa waqqaf il-Pinto Brass Band kif ukoll inawgura l-ewwel sensiela ta' Kunċerti Sinfoniċi. Huwa wkoll il-fundatur tal-ewwel kwartett tat-trumbuni f'Malta bl-istem ta' The Four Tenors. Ħadem għal seba' snin bħala mużiċist mal-Orkestra tat-Teatru Manoel. Huwa membru mal-Versatile Brass u dik li kienet il-Freddie Mizzi Big band. Kompożitur ta' diversi marċi għall-banda kemm brijużi u kemm funebri. Kiteb ukoll sensiela ta' xogħlijiet klassiċi għall-banda.

Fl-1 ta' Jannar 2008 inħatar Surmast Direttur tas-Soċietà Filarmonika Nazionale La Valette wara li għamel 29 sena bħala mużiċist tal-banda La Valette.


A CENTURY OF WINE
REGUTA
REGUTA
RIESLING
REGUTA
SAUVIGNON
REGUTA
ALTROPASSO
REGUTA
PINOT GRIGIO
REGUTA
CHARDONNAY
Exclusive Importers
MKB Importers Ltd

# Il-mużika fil-liturġija: nerfgħu qlubna lejn Alla

*Fabian Mangion*

"Qum, ruħ tiegħi, qum arpa u ċetra! Ħa nqajjem sbiħ il-jum! Infaħħrek, Sidi, fost il-popli, ngħannilek fost il-ġnus..." (Salm 57, 9) Tabilħaqq, il-bniedem stess iħossu insuffiċjenti għal dak li jrid jesprimi, u għalhekk jistieden lill-ħolqien kollu biex isir għanja miegħu.

Il-mużika fil-liturġija mhijiex sempliċiment wirja minn solista jew kor, sfond biex jakkumpanja t-talb tagħna, mezz biex noħolqu burdata, jew inċentiv biex ngħajtu u nċapċpu jdejna. Il-mużika hija meħtiega għall-qima liturġika tagħna.

Il-Papa Franġisku ddefinixxa b'mod ċar l-iskop tal-mużika fil-liturgija meta qal li "l-ewwel nett, hija kwistjoni li tipparteċipa b'mod intens fil-Misteru ta' Alla, fit-teofanija li ssir f'kull ċelebrazzjoni Ewkaristika, li fiha l-Mulej jagħmel lilu nnifsu preżenti f'nofs il-poplu tiegħu, imsejjaħ biex jieħu sehem tassew fis-salvazzjoni mwettqa minn Kristu msallab u rxoxt." (Omelija f'Santa Marta, 12 ta' Diċembru 2013)



*Ir-Re David idoqq l-Arpa,*
*Pittura ta' Gerard van Honthorst (1592-1656)*

Il-Konċilju Vatikan II sejjaħ għall-"parteċipazzjoni sħiħa, attiva u konxja" tal-lajċi fil-liturġija. Bħall-introduzzjoni tal-vernakular fil-liturġija, il-mużika hija maħsuba biex trawwem din il-parteċipazzjoni. (Sacrosanctum Concilium, 14)

Madankollu, il-Papa Franġisku nnota li "l-laqgħa mal-modernità u l-introduzzjoni tal-lingwi mitkellma fil-liturġija qanqlet ħafna problemi: ta' lingwi, forom u ġeneri mużikali. Xi drabi tirrenja ċerta medjokrità, superfiċjalità u banalità, għad-detriment tal-ġmiel u l-intensità taċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi." (Papa Franġisku, Diskors lill-Parteċipanti fil-Konferenza Internazzjonali dwar il-Mużika Sagra, 4 ta' Marzu 2017)

Mużika liturġika tajba għandha tkun kemm estetikament pjaċevoli kif ukoll teoloġikament korretta. Fil-mużika liturġika, ibbażata kif inhi fuq il-fidi biblika, hemm, għalhekk, dominanza ċara tal-Kelma; din il-mużika hija forma ogħla ta' proklamazzjoni. Fl-aħħar mill-aħħar, titqanqal mill-imħabba li twieġeb għall-imħabba ta' Alla inkarnata fi Kristu, l-imħabba li għalina marret għall-mewt.

Il-kant fil-liturgija, fl-aħħar mill-aħħar, ġej mill-imħabba. Hija l-profondità assoluta tal-imħabba li tipproduċi l-kant. Cantare amantis est, jgħid Santu Wistin, il-kant huwa ħaġa ta' min iħobb.

Li nerfgħu qalbna lejn Alla fil-liturġija dejjem imur lil hinn mill-konfini tad-diskors tal-bniedem. Għalhekk, il-liturġija, min-natura tagħha stess, titlob l-għajnuna tal-mużika u l-għana biex tfaħħar lil Alla. Il-mużika tvarja minn kultura għal kultura. U hekk jagħmlu l-istrumenti mużikali. Fil-liturġija, huwa possibbli li ninkludu l-ħafna tipi ta' għanjiet u strumenti sakemm huma jsaħħu ċ-ċelebrazzjoni u jwassluna biex niffukaw fuq Alla.

Fejn jidħlu l-istrumenti mużikali li jindaqqu fil-liturġija, l-orgni għandu primat, fil-Knisja Latina, fost l-istrumenti mużikali l-oħra kollha. Bħal ebda




CAFE
CAPITOLINO
Republic Street, Valletta

strument mużikali ieħor, jista' jesprimi l-firxa sħiħa ta' sentimenti umani, minn ferħ sa dwejjaq, minn tifħir sa niket. Barra minn hekk, minħabba n-natura kontinwa, stabbli u polifonika tal-ħoss tiegħu, l-orgni hu ferm adatt ukoll biex iwieżen il-kant tal-ġemgħa, speċjalment jekk imdaqqsa.

Ivvintat fit-3 seklu QK, mill-inġinier Grieg Ctesibius ta' Lixandra, u introdott fil-knejjes tagħna fl-10 seklu, l-orgni sar l-istrument mixtieq għall-mużika sagra. Bil-varjetà ta' ħsejjes u toni, ifakkarna fl-immensità ta' Alla. L-orgni għandu l-ħila jdawwaqna s-sbuħija tal-mużika li twassalna biex nesperjenzaw il-preżenza ta' Alla li jżommna fit-tgħanniqa tal-imħabba tiegħu, li jġib armonija u ferħ f'ħajjitna.

Il-mużika għandha rwol daqshekk importanti fil-qima tagħna lejn Alla għax aħna kemm ġisem kif ukoll ruħ. It-talb jitla' mill-fond ta' qalbna. Il-kliem waħdu mhux biżżejjed biex jesprimi dak kollu li nixtiequ ngħidu. Iżda, il-mużika għandha s-setgħa li tikkomunika l-messaġġi u l-emozzjonijiet li l-kliem ma jistgħux jaqbdu. Il-mużika hija pont bejn id-dinja tal-materja u l-qawwa tal-ispirtu; toħroġna 'l barra minna nfusna u tiftaħna għal Alla.

Ħafna kompożituri kbar, bħal Bach, Mozart, Beethoven, Bruckner u Mendelssohn, għarfu li t-talent mużikali tagħhom ma kienx biżżejjed biex jipproduċi mużika tajba. Huma kellhom bżonn ispirazzjoni divina. Alla nnifsu jħobb il-mużika! Wara kollox, il-Ktieb tas-Salmi huwa ktieb ta' għanjiet. Il-mużika ġejja minn Alla, u meta nipparteċipaw fiha – kemm jekk niktbu, indoqqu, jew anke sempliċement nisimgħu – inkunu qed nirċievu rigal mingħand Alla.

Il-ħitan tal-knejjes tagħna għandhom jidwu bil-ħoss tal-kant tagħna fil-liturġija. Fi kliem l-Ittra ta' San Pawl lill-Efesin, "... mtlew bl-Ispirtu. Kantaw flimkien salmi, innijiet u għana spiritwali; kantaw u għannu minn qalbkom lill-Mulej." (Efesin 5, 18-19)



*Pittura ta' Santa Ċeċilja, Patruna tal-Mużika li tinsab fis-Sede tas-Società*

CROCE BONACI
CATERERS

Office: - 32, St. Ursula Street,
Valletta - Malta - T: 2122 5924

Cafeteria - 24, St. John Street,
Valletta - Malta - T: 2124 7933
Mob: 79048664
www.crocebonaci.com
E: info@crocebonaci.com

# Il-Kon-Katidral ta' San Ġwann

*Mons. Paul Carmel Vella*
*Rettur tal-Kon-Katidral ta' San Ġwann*



X'ħin tidħol fil-Konkattidral ta' San Ġwann Battista, tkun donnok dħalt f'dinja oħra! Dik li kienet il-Knisja Konventwali tal-Kavallieri tal-Ordni ta' Ġerusalem, ta' Rodi u ta' Malta, illum tissejjaħ l-Ordni ta' Malta, tieħu l-post ċentrali tal-Belt Valletta, mibnija fi żmien il-Gran Mastru Jean Leveque de la Cassiere bejn il-bidu tas-sena 1573 u s-sena 1577. Minn barra tidher bħal fortizza. Kien ir-riżultat tal-istil manjerista użat dak ż-żmien: il-Knisja hija l-Fortizza ta' Alla, il-Belt Qaddisa ta' Ġerusalemm, bis-swar u t-torrijiet madwarha (mill-Apokalissi). Dan kien il-ħsieb ta' Ġlormu Cassar meta ħażżeż il-pjanti tal-knisja l-aktar importanti tal-Ordni!

Imbagħad tidħol ġewwa u tiddawwar minn ġenna ta' skultura, pittura u ornamenti maħluqa miċ-ċelebri pittur Mattia Preti; l-istil barokk fl-aqwa tiegħu! Tidħol fil-Knisja u tkun qiegħed fil-Ġenna! Dan kien il-ħsieb tal-artisti barokki: il-ġmiel u s-sbuħija u l-glorja tal-Ġenna, fejn ilkoll irridu mmorru; ngħixu minn issa fil-Knisja dak li rridu ngħixu 'l quddiem fil-Ġenna!

Il-Knisja Konventwali tħaddan fiha b'mod sħiħ l-ispirtu tal-Ordni ta' Matla: ospitalieri u kavallereski. Jean Parisot de la Valette ma laħaqx jara dan il-ġojjel tal-Ordni, li għall-Gran Mastru u l-Kavallieri kollha kienet importanti ħafna tant li flimkien mal-Palazz Maġistrali, tawha l-post ċentrali tal-Belt il-ġdida. Imma malli tlestiet il-Knisja u l-Kripta, il-Kavallieri mill-ewwel ħasbu biex iġibu fiha l-fdalijiet ta' La Valette, li kien qiegħed fil-Knisja tal-Vittorja, l-ewwel Knisja mibnija fil-Belt Valletta, anzi, l-Ewwel Ġebla tal-Belt il-Ġdid kienet f'din il-Knisja!

Kemm huwa importanti għalina li niftakru fir-rabta li aħna għandna mal-Ordni ta' Malta, u speċjalment mal-Gran Mastru La Valette, kemm

OPEN ALL DAY

JB STORES

Connect with us...

SLIEMA - TA' XBIEX - SAN GWANN - ST. PAUL'S BAY - HAMRUN - GOZO

AFFORDABLE LIVING

HOUSEHOLD GOODS - LIGHT UP - CARPETS - SOFAS

HOME TEXTILES - FASHION TEXTILES - HABERDASHERY - CURTAINS

GAUDI SPECIAL OCCASION - CANDIDA CLOTHING

**IKLIN**

2331 4301

Triq Il -Klin, Iklin IKL 1061



*Il-qabar tal-Gran Mastru La Valette fil-kripta tal-Kon-Katidral ta' San Ġwann Battista*

minħabba li dawn huma l-għeruq tal-ħajja tagħna bħala poplu, kif ukoll għaliex kien hu li mexxa l-armata tal-Kavallieri mgħejuna mill-maltin fl-Assedju l-Kbir tal-1565, li kien mument importanti fil-ġlieda sabiex l-Ewropa tibqa' tħaddan il-Fidi nisranija, liema ġlieda sabet it-temma tagħha fir-rebħa finali li seħħet sitt snin wara f'Lepanto fis-sena 1571.

Il-Kon-Katidral ta' San Ġwann Battista huwa l-Monument tal-Vittorja tal-Kavallieri. Kien il-ġojjel tal-ħidma u il-glorja tal-Ordni. Ejjew waqt li niċċelebraw l-455 sena mill-mewt ta' La Valette, napprezzaw dak li missirijietna għamlu u wettqu għalina u nirringrazzjaw lil Alla li għandna din ir-rabta soda u sabiħa mal-passat tagħna, l-għeruq li sawru lil ġensna.




*L-iskrizzjoni li tinsab fuq il-qabar ta' La Valette miktub mis-Segretarju tiegħu Sir Oliver Starkey li tgħid "Hu li kien il-biża' tal-Afrika u l-Ażja u l-protettur tal-Ewropa, li keċċa lill-barbari bl-armi mqaddsa tiegħu, kien l-ewwel li ndifen fil-belt maħbuba tiegħu li waqqaf."*




Our kitchen is open all day, every day from 11.30am until 10.00pm (Fridays and Saturdays to 11.00pm). D'Office is perfect for lunch in the city, convenient to offices, shops or when visiting the wonderful sights that Valletta has to offer. Come in for a cosy dinner or just to call by at any time to relax. You can have a full meal or platter at any time of the day accompanied by a glass or two of wine from our carefully selected wine selection from Maltese and foreign vineyards.

**132,**
**Archbishop Street,**
**Valletta**

**Tel:27221475**
**Mobile: 99441120**









Gourmet

# KAFE

103 OLD THEATRE STREET









# Give your family the protection against Viruses




**Charles de Giorgio Limited**

**25 600 600**

**f in**

# CARDENIO BOTTI
# 50 sena minn mewtu

*Gilbert Farrugia*
*Inkarigat mill-Banda tas-Società Filarmonica Nazionle La Valette*

Is-Surmast Cardenio Botti, twieled fl-1890 f'Magliano Sabino l-Italja. Ta' tnax-il sena huwa issieħeb fl-iSchola Cantorum tal-Kulleġġ Gregorjan. 'Il quddiem, imħajjar minn Mons. Lorenzo Perosi, Maestro Perpetuo tal-Cappella Sistina, ssieħeb mal-kor tagħha bħala sopran solista. Kien l-istess Persosi li miċ-ċokon tiegħu għaraf il-kapaċitajiet mużikali tiegħu u bdielu l-istudju tal-armonija.

Aktar tard, Botti avvanza l-istudji tiegħu fir-Reale Conservatorio Musicale di S. Cecilia ta' Ruma fejn studja ma' Prof. Cesare Dobici u Prof. Alessandro Vessella. Wara li rebaħ konkors nazzjonali, huwa laħaq Surmast-Direttur tal-Banda Militari ta' Bologna. Wara l-ewwel gwerra dinjija, huwa dderieġa diversi kunċerti fl-aktar teatri importanti fl-Italja u kkompona ħafna mużika.



*Ritratt tas-Surmast Cardenio Botti*

Sadanittant f'Malta, f'Ottubru tal-1921, Il-Banda La Valette irċeviet ir-riżenja tas-surmast Ettore Mattioli li ma setax ikompli bħala surmast direttur tagħha minħabba raġunijiet ta' saħħa fejn floku laħaq bħala aġent surmast Francesco Bellizzi. F'Mejju tal-1922 il-kumitat tas-Società Filarmonica Nazionale La Valette ħasbet biex tirriforma l-istruttura tal-banda La Valette, u għal dan il-għan inġieb f'Malta is-Surmast Prof. Alessandro Vessella. Vessella aġġorna l-istruttura tal-Banda billi wessa' l-istrumentazzjoni biex b'hekk issa l-banda setgħet tesegwixxi xogħlijiet kbar b'effett aktar reali. Malli Vessella temm ħidmietu huwa wiegħed li kien ser isib Surmast Direttur addattat għall-Filarmonica Nazionale La Valette.

Fis-Seduta tal-Kumitat tas-27 ta' April 1923 l-Onor. Dr. Ugo P. Mifsud, il-President tas-Soċjetà introduċa lill-membri tal-kumitat is-Surmast il-ġdid Mro Cardenio Botti. Huwa tenna li huwa kien ċert li fl-aħħar is-soċjetà kienet akkwistat is-Surmast li tant kienet ilha tixtieq. Wara tkellem Mro Cardenio Botti li rringrazzja lill-Kumitat u qal li kien telaq minn Ruma b'għajnejh magħluqa wara r-rakkomandazzjoni li kien għamillu Mro. Vessella. Huwa qal li ġie Malta bil-ħsieb li jaqdi missjoni – dik li jipprova jmexxi 'l quddiem l-edukazzjoni mużikali.

**Il-Funzjonijiet tas-surmast Botti f'Pajjiżna**

- **Promotur tat-Tagħlim tal-Mużika**

Mill-bidu tal-ħidma tiegħu fil-Banda La Valette, is-Surmast Botti nsista fuq il-bżonn ta' dixxiplina u l-istudju metodiku u serju tal-mużika. Huwa kien tal-fehma li l-banda tagħmel progress mhux billi tagħmel bosta programmi biss, iżda bi studju metodiku tal-mużika, li sfortunatament, il-bandisti li kienu neqsin minnu. Huwa għalhekk iddeċieda li jibda jagħti lezzjoni kull ġimgħa tas-solfeġġ u jieħu f'idejh l-allievi żgħażagħ li kienu għadhom jibdew idoqqu.






ALEXANDER'S
BAR & RESTAURANT

33, Mediterranean Street, Valletta



*Is-Surmast Botti bl-uniformi militari*

Ma damx wisq biex għarraf lill-Kumitat bir-riforma li xtaq jagħmel u talbu biex jiffomula statut ġdid għall-banda. Il-banda akkwistat ukoll is-servizz tal-magħruf kornettista Prof. Reginaldo Caffarelli li beda jgħallem strumenti tar-ram u talab ukoll biex issir riforma finanzjarja tal-banda. Bis-saħħa tiegħu introduca wkoll uniformi ġdida tax-xitwa għall-banda li kienet ilha 22 sena ma tinbidel u l-bandisti bdew jirċievu ħlas tas-servizz bandistiku li jagħmlu. Grazzi għal din is-sistema strutturata ta' tagħlim, bosta mużiċisti gawdew it-tagħlim avvanzat li wasslilhom is-surmast Botti, fosthom insibu lil Paul Arnaud u Willie Attard.
Min-naħa l-oħra, meta Augusto German ħa f'idejh it-tmexxija tat-Teatru Rjal, xtaq li jiftaħ Skola tal-mużika fi ħdan l-istess Teatru. Kif jgħidilna l-ġurnal "Malta Tagħna" tat-18 ta' Awwissu 1923, Ir-regoli ta' din l-iskola, kif ukoll il-kurrikulu tfasslu mis-surmast Cardenio Botti.

- **Kompożitur versatili u fin**

Kien fl-ewwel xhur tiegħu f'pajjiżna li s-Surmast Botti ħaseb biex jagħti lis-soċjetà L-'Inno La Valette'. Dan l-innu, bi kliem u mużika ta' Cardenio Botti, ndaqq għall-ewwel darba fid-9 ta' Settembru 1923 fejn il-ġurnal Malta Tagħna li tgħid li dan l-innu huwa "patrijottiku u jkun jista' jitkanta mill-poplu kollu".

Botti kien jikteb bi stil fin, differenti minn dawk ta' kompożituri oħra li ħadmu f'pajjiżna fl-epoka. Għal qalb il-Filarmonica Nazionale La Valette insibu l-marċi "Marcia San Paolo No. 3", "Marcia San Paolo No.5" u "Fior del Carmel". Biss Botti kiteb xogħlijiet oħra, fosthom Marċi Funebri, u biċċiet oħra aktar serji fosthom il-Concerto per Tromba (b'dedika lil Reginaldo Caffarelli) li huma merfugħa b'għożża kbira fl-arkivji tas-soċjetà.

Tul il-karriera mużikali tiegħu, Botti ħadem ma' diversi djar ta' pubblikazzjoni fejn ippubblika diversi xogħlijiet minn tiegħu fostom ma' Bongiovanni ta' Bologna kif ukoll Ricordi u Carisch ta' Milan.




- **Arranġatur**

L-arkivju Mużikali tal-Banda La Valette, huwa mżejjen ukoll b'diversi arranġamenti għall-banda maħduma mis-surmast Cardenio Botti, fost l-oħrajn jispikka l-arranġament 'Per Solisti, Coro e Grande Banda' tar-Requiem ta' Giuseppe




dolceria
Barigozzi
10

12, St. Helen Square, Birkirkara
21449514 - 77480377








Verdi. Interessanti l-fatt li Botti ħadem diversi arranġamenti ta' kompożizzjonijiet ta' kompożituri Maltin fost l-oħrajn, 'Fantasia dall'Opera l'Alpino di Carlo Diacono', 'Intermezzo dall'Opera Edith Cavell' ta' Paolino Vassallo, kif ukoll 'Cendrillon' ta' Nicolò Isouard.

- **Direttur Mużikali ta' Livell għoli**

Tul is-snin li dam bħala Surmast Direttur tas-Società Filarmonica Nazionale La Valette, is-surmast Botti għadda xogħlijiet kbar. Id-debutt tas-Surmast Botti wasal fl-24 ta' Ġunju 1923 waqt fiera li saret fl-Argotti. Huwa xtaq li jagħmel id-debutt tiegħu fit-Teatru Rjal iżda minħabba s-sħana l-kumitat ma qabilx. Taħt id-direzzjoni ta' Mro Botti Il-Banda "La Valette" flimkien ma' 400 ruħ, marret Tuneż, Palermo u Messina bejn it-2 u t-30 ta' Mejju 1926. Tliet xhur wara dan il-vjaġġ il-Kumitat laqa' stedina li saritlu mill-Kumitat tal-Festi Ċentinarji ta' S. Agata f'Catania biex il-Banda tieħu sehem f'għeluq it-8 Ċentinarju ta' S.Agata bejn l-14 u 17 ta' Awwissu 1926. Fis-sena 1928, il-Banda għal darb'oħra reġgħet marret Catania biex tieħu sehem fil-festa ta' Sant'Agata.

Biss forsi l-akbar suċċess mużikali li kiseb flimkien mal-Banda La Valette huwa rebaħ il-Konkors Bandistiku Internazzjonali f'Como li sar propju s-Sibt 27 t'Awwissu tal-1927.

Ir-riżultat kien dan:

Konkors tal-lettura a prima vista:
L-ewwel premju ma ġie mogħti lil ħadd.
I-tieni premju lill-Filarmonika "La Valette" ta'



PROGRAMMA MUSICALE

Filarmonica Nazionale "LA VALETTE"

Concerto della Filar. Naz. "La Valette" da eseguirsi il [illegible] Febbraio in occasione della Festa Nazionale di San Paolo Naufrago

| | | |
|---|---|---|
| BOTTI | *Marcia Militare* | |
| MASCAGNI | *Le Maschere* | Sinfonia |
| CILEA | *Adriana Lecouvreur* | Fantasia |
| BOTTI | *San Paolo* | Inno Marcia |
| BELLINI | *Norma* | Sinfonia |

[illegible]

ELENCO DELLE MARCIE

Che la Filarmonica Naz. LA VALETTE eseguirà in occasione della Festa Nazionale di San Paolo Naufrago.

| | | |
|---|---|---|
| 1 | Botti | San Paolo—1935 |
| 2 | [illegible] | Marcia del Veterano |
| 3 | Marchesini | Littoria |
| 4 | Marchesini | L'Urbe |
| 5 | Ermenegildo | Fanciulli Allegri |
| 6 | Ermenegildo | Lina |
| 7 | Contreras | Clavelitos Malagueños |
| 8 | [illegible] | [illegible] |
| 9 | Miruzzi | I Vittoriosi |
| 10 | Dowling | La Libertà |

# STR.EAT
WHISKY & BISTRO

# FOOD MENU

Join us on f    Rate us on tripadvisor

STR.EAT WHISKY & BISTRO
Strait Street, Valletta, Malta
T: +356 2122 8347  E: whisky@streat.com.mt

STR.EAT
WHISKY & BISTRO

## STARTERS

**Fully Loaded Nachos** V — €8.50
Crispy nachos, served with Mexican salsa, melted cheese and sour cream.

**Calamari Fritti** — €11.50
Deep-fried Calamari served with lemon, rucola and spicy mayo.

**Pot of Mussels** — €12.95
Fresh local mussels, cooked in an aromatic coconut broth, served with toasted bread.

**Mushrooms in Garlic** V — €8.95
Pan-fried mushrooms, served with garlic and onions.

**Chicken Wings** — €8.95
Fried chicken wings, served with BBQ sauce.

## SIDES

| | |
|---|---|
| Baked Vegetables V | €3.00 |
| Roast Potatoes V | €3.00 |
| Side Salad Mix V | €3.00 |
| Fries V | €3.00 |
| Onion Rings V | €3.50 |

## FOR THE LITTLE ONES

**Kids Burger** — €7.95
Beef patty, cheese, tomato, lettuce, chips.

**Chicken Nuggets** — €7.95
Fresh chicken breast (breaded), served with fries and salad.

**Penne Tomato Sauce** V — €6.50
Penne, served with basil tomato sauce.

## HEALTHY SALADS

**Sesame Crusted Tuna Salad** — €16.95
Fresh tuna, served on a bed of juicy leaves and couscous, with a citrus vinaigrette.

**Caprese Pistachio Salad** V — €13.50
Mozzarella di Bufala, served on a bed of rucola leaves and sliced tomatoes, with a pistachio pesto topping.

**Chicken Salad** — €13.95
Grilled chicken thighs, served on a bed of mixed leaves and quinoa, with a parmesan flake topping.

**Vegetarian Salad** V — €10.50
Glass noodles, served on a bed of baby lettuce, mint, cucumber and carrots, with a crushed peanut topping.

## MAINS

With a choice of 2 sides

**Beef Tagliata** — €25.95
350g USDA steak, served with rucola, cherry tomatoes and parmesan cheese.

**Grass Fed Ribeye Steak** — €27.95
300g of grass fed steak, cooked to your liking.

**Rack of Ribs** (Half) **€19.95 /** (Whole) **€24.95**
Slow-cooked spare ribs, served with homemade BBQ sauce.

**Scottish Salmon Supreme** — €23.95
Pan-fried Salmon fillet, served with couscous.

**Seabass Cartoccio** — €23.95
Oven-baked Seabass, in white wine, garlic, cherry tomatoes and fresh herbs.

## BURGERS

**Beef Burger** — €10.95
Homemade 250g beef patty, served with lettuce, tomatoes, pickles and mayonnaise.

**Cheese Burger** — €11.95
Homemade 250g beef patty, served with two slices of cheese, crispy lettuce, tomatoes, pickles and mayonnaise.

**Cheese & Bacon Burger** — €12.95
Homemade 250g beef patty, served with two slices of cheese, bacon, lettuce, tomatoes and mayonnaise.

**Spicy Burger** — €12.95
Homemade 250g beef patty, served with spicy cheese, lettuce, tomatoes, pickles and StrEat Sauce.

**Pulled Pork Burger** — €13.95
Homemade 250g beef patty, served with pulled pork, onions, lettuce, tomatoes, pickles and BBQ sauce.

**Chicken Burger** — €13.45
Breaded chicken thighs, served with two slices of cheese, lettuce, tomatoes and our special StrEat Sauce.

**Maltese Burger** — €14.95
Homemade 250g beef patty, served with Maltese sausage, Maltese goat cheese, lettuce, tomatoes, pickles and StrEat Sauce.

**StrEat Burger** — €15.95
Homemade 250g beef patty, served with pulled pork, smoked cheese, mushrooms and truffle sauce.

**All burgers are served with fries**

## PASTA

**Prawn Tagliatelle** — €15.95
Served with prawns, pistachios, cherry tomatoes and a touch of cream.

**Pappardelle Pulled Pork** — €13.45
Served with slow-cooked pulled pork, truffle paste, baby spinach and cherry tomatoes.

**Penne Norma** V — €10.90
Served with aubergines, tomato sauce, basil and ricotta.

**Penne Arrabiata** V — €9.95
Served with tomato sauce, basil and fresh chilli.

**Spaghetti Carbonara** — €12.95
Served with crispy guanciale, pecorino cheese and egg yolk.

**Gnocchi Mushrooms** V — €12.95
Served with wild oyster mushrooms, truffle sauce and cream.

**Shellfish Pasta** — €14.45
Served with fresh clams & mussels, cherry tomatoes and fresh herbs.

## SAUCES

| | |
|---|---|
| Spicy Sauce | €2.00 |
| BBQ Sauce | €2.00 |
| Mushroom Sauce | €3.00 |
| Pepper Sauce | €3.00 |

**BOGOF**
BUY 1 GET 1 FREE
DAILY BETWEEN
15:00 - 18:00
On Selected Cocktails

PLEASE INFORM YOUR SERVER OF ANY FOOD ALLERGIES OR RESTRICTIONS

Malta ppreżentata b'medalja tad-deheb tal-Gr. Uff. Stucchi.

Konkors ta' Eżekuzzjoni:
L-ewwel premju lill-Filarmonika "La Valette" ta' Malta.

L-ewwel premju lill-Filarmonika "La Valette" u lill-Banda King's Own, pari merito, u jiehdu 8,000 lira Taljani kull wiehed.

Premju tad-Direzzjoni:
Lis-Surmast C. Botti skond l-Art. 26 tar-regolamenti tal-Konkors medalja tad-deheb tad-Dar Editrici Musicali G. Ricordi & Co.

Fid-29 ta' Awissu, il-Banda La Valette tat kunċert f'Milan fi Piazza della Scala.

Fil-31 ta' Awwissu il-Banda "La Valette" ezegwiet programm fil-pjazza tal-Pincio f'Ruma. Malli il-Banda waslet f'Malta sabet folla kbira qed tistenniehom biex tagħtihom merħba. Sena wara minn din ir-rebħa twaħħlet mal-ħajt tal-faċċata ta' ġewwa tal-Każin lapida.

Ovjament matul is-snin, Botti dderieġa diversi rappreżentazzjonijiet mużikali kemm Operistiċi kif ukoll Orkestrali li ttellgħu fit-Teatru Rjal kif ukoll aktar tard nsibuħ bħala General Manager tal-istess teatru.

Fl-1935 Mro. Cardenio Botti mexxa rappreżentazzjoni ta' Opra Lirika fit-teatru Muniċipali ta' Tuneż bis-sehem tal-koristi u mużiċisti tat-teatru Rjal. (Ara Ritratt kommemorattiv.)

Sfortunatament fl-1935 Cardenio Botti kellu



jħalli pajjiżna kontra r-riedu tiegħu minħabba l-inċertezza politika tal-epoka fejn, eventwalment, wasslet għat-tieni gwerra dinjija. Biss ir-rabta dejjiema bejn il-Filarmonica Nazionale La Valette u Cardenio Botti baqgħet b'saħħita u baqgħet f'kuntatt miegħu u talbitu pariri meta kien hemm bżonn. Fl-okkażjoni tal-20 anniversarju mir-rebħa ta' Como f'Settembru 1947 il-kumitat bagħat lil Maestro Cardenio Botti distintiv tad-deheb tas-Soċjetà bħala turija ta' gratitudni għas-sehem kbir tiegħu f'din ir-rebħa. Fl-1962 huwa żar Malta u ngħata merħba kbira mill-membri tal-Kumitat u s-Soċi.

L-attività ta' Botti barra minn xtutna kompliet b'kollaborazzjoni ma' diversi djar ta' pubblikazzjoni fejn ħadem diversi arranġamenti u kkompona kompożizzjonijiet żgħar oħra. F'Ruma huwa dderieġa kemm-il darba, kunċerti mill-Orkestra Santa Ċeċilja fis-Sala Augustea. Aktar tard, Botti ġie maħtur Direttur tat-'Teatro Massimo' ta' Palermo kif ukoll Direttur tat-teatru 'Carlo Felice' ta' Genova. Lis-Surmast Botti insibuħ ukoll fl-Irlanda fejn ħadem bħala Promotur tal-Opera Lirika fejn fost l-oħrajn ġab lit-Tenur Beniamino Gigli (ara ritratt) kif ukoll ħadem sabiex jagħti opportunità lil talent emerġenti fost l-oħrajn insibu lil Luciano Pavarotti.



Huwa kien miżżewweġ lil Anna nèe Bartolo. Cardenio Botti miet f'Ruma f'Ġunju tal-1973 fl-età ta' 83 sena. Illum is-surmast Botti m'għadux magħna iżda l-impatt li ħallha fix-xena mużikali f'pajjiżna tibqa' għal dejjem.

1974

PHOTOCITY

VALLETTA

57, South Street, Valletta VLT 1102
email; mario.photocity@gmail.com
Tel; +356 21236723 mob; + 356 99496481

PASSPORT PHOTOS IN FEW SECONDS

Vigo
TAILORS

68/69, South Street, Valletta.
T 2123 6001
E vigomenswear@gmail.com
f VIGO MEN'S WEAR


Seeking a dedicated Live in carer?
Care for Your Loved Ones?
We are here to help!
Experience personalized care in the comfort of your own home.
Contact us today to find your perfect match!"
MARKHAM
RESOURCES LTD.
contact us!
9971 9344
www.markhamresourcesltd.com

KANTINA
cafè & wine
ST JOHN'S SQUARE, VALLETTA
27230096
kantinacafe@gmail.com
facebook.com/KantinaCafeWine


WE'RE
STRONGER
TOGETHER
AIG
Montaldo Insurance
AGENCY LIMITED
98/2, Melita Street, Valletta VLT 1120 Tel: 21 238 500 www.montaldoinsurance.com
A company authorised to act as an insurance agent, regulated by the Malta Financial Services Authority
Malta General Agents for AIG Europe S.A. an insurance undertaking with R.C.S. Luxembourg number B 218806. Head Office at 35 D Avenue John F. Kennedy, L-1855, Luxembourg

# L-Ewwel Snin tas-Società

*Carl Farrugia*

Is-Sur Pawlu Darmanin, żagħżugħ ta' 20 sena mill-Belt Valletta, waqqaf is-Società Filarmonica Nazionale La Valette flimkien ma' 35 bandist ieħor, partitarji Pawlini, fid-19 ta' Ottubru 1874, kważi 150 sena ilu. Pawlu Darmnin kien żagħażugħ li kellu ħanut tal-ħelu fi Triq San Pawl, il-Belt fejn fih kienu jiltaqgħu u jinġabru gruppp ta' żgħażagħ mill-Parroċċa ta' San Pawl, ilkoll akkaniti tal-festa. Kull darba li kienu jiltaqgħu kemm fil-ħanut ta' Darmanin kif ukoll fis-Sagristija, id-diskors kien jaqa' fuq x'jistgħu jagħmlu biex ikabbru l-festa tal-Appostlu Missierna San Pawl. Għalhekk Pawlu Darmanin ippropona li titwaqqaf soċjetà mużikali li tista' tieħu fil-Festa ta' San Pawl Nawfragu. Din il-proposta ntlaqgħet b'entużjażmu u ħeġġa kbira fejn ilkoll offrew li jibdew jitgħallmu strument mużikali. Hekk kif għdda s-sajf, fis-16 ta' Ottubru bdiet il-ħidma sabiex titwaqqaf din is-soċjetà mużikali ġdida. Saru diversi tħejjijiet u fl-10 ta' Diċembru 1874 quddiem in-Nutar Dr Giovanni Pullicino, 35 żagħżugħ Belti ntrabtu b'att pubbliku mas-Sur Darmanin li jiffurmaw soċjetà ta' Banda filwaqt li wiegħdu diliġenza u koperazzjoni fl-istudji tagħhom b'mod li mill-aktar fis jistgħu jieħdu l-frott l-għaraq tagħhom.



*Is-Sur Pawlu Darmnin, il-fundatur tas-Società*

Pawlu Darmanin inħatar direttur mil-lat amministrattiv kif ukoll bħala kaxxier sabiex jiġbor il-miżati, jagħmel l-ispejjeż neċessarji u jinnathom fi ktieb u jagħti rendikont lis-soċi. Luigi Carabott min-naħa l-oħra inħatar Surmast tal-Banda bil-kundizzjonijiet li jagħti lezzjonijiet tal-mużika lis-soċi darbtejn fil-ġimgħa fil-ġranet miftehma kif ukoll lit-tifel tiegħu Vincenzo meta ma jkunx jista' hu. Huwa kellu jitħallas onorarja ta' żewġ xelini u nofs kull xahar. L-istrument għandu jinxtara mis-soċju a spejjeż tiegħu.

Il-ħeġġa ta' dawn iż-żgħżagħ ma damux ma jiġu mfaħħra u nkuraġġit fil-ġurnali. Ftit jiem wara li ġie ffirmat il-kuntratt notarili, il-ġurnal Corriere Mercantile Maltese fis-16 ta' Diċembru 1874 jgħid hekk: "Konna semmejna qiegħda titwaqqaf Banda Ċittadina. Din il-banda issa hija mwaqqfa taħt it-tmexxija tal-Professur Luigi Carabott u jisimha La Valette, magħmula minn sitt u tletin żagħżugħ ta' rieda tajba u qawwija, intelliġenti, u jridu jitgħallmu l-mużika u jidhru quddiem il-pubbliku biex jallegrawha bi programmi sbieħ fil-festi reliġjużi u imkejjen oħra."

Erba' xhur wara l-istess ġurnal fit-30 ta' April kiteb: "Illum nistgħu ngħidu biss dwar il-progress kbir li għamlet u l-ħeġġa u l-qlubija taż-żgħażagħ dilettanti tagħha, biżejjed insemmu li bandist minnhom nefaq minn butu sittax-il lira (£16) biex ġieb minn Pariġi strument ta' għamla ġdida għal Malta, "Klarin Baxx". Nittamaw ma ndumux ma nisimgħu kunċerti sbieħ imwettqin minn din il-Banda".

**Id-debutt fit-Teatru Manoel**

Wara biss ftit xhur li kienet imwaqqfa saret stedina lis-Surmast Luigi Carabott sabiex il-


FREESPIRIT
ACTING
Klassijiet għall-adulti, żgħażagħ u tfal
info@freespirit.com | 9946 7410


F. ZAMMIT
Glass
Find us on facebook
Triq il-Kummerċ, Qormi - 21230659 - info@fzammitglass.com
Clear Float Glass
Laminated Glass
Tinted Float Glass
Mirrors
Double Glazing
Glass Displays


La quale società ha da durare
per un anno, corrente continuo
e compito contabile 19. ottobre 1874.

*Parti mill-Att tal-Fondazzjoni ta' La Valette li tgħid hekk:*
*"Din is-società għandha ddum għas-sena li tibda mid-19 ta' Ottubru 1874."*

Banda tieħu sehem fit-Teatru Manoel f'serata ta' beneficenza li saret f'ġieħ il-baritonu popolari u magħruf Lorenzo del Ricco li kellu diversi suċċessi kbar f'bosta teatri Ewropej fosthom Milan, Livorno, Ferrata, Ruma u Firenze. Dan id-debutt li seħħ fit-28 ta' Mejju 1875, il-banda daqqet marcia, mażurka u galopp. Michele Costa fil-ktieb tiegħu dwar l-istorja tal-Banda jikteb "li ħadd mhux kapaċi jiddeskrivi l-ferħ kbir li ħassew kemm il-bandisti kif ukoll il-partitarji ta' La Valette għal dan l-ewwel trijonf tagħha. Il-Banda qalgħet tifħir minn kulħadd, partikolarment mill-istampa indipendenti kollha tal-pajjiż, li kienet tkellmet fit-tul fuq din il-Banda tagħna." Il-ġurnal Il Portafoglio Maltese kiteb li "F'din l-okkażjoni kellna l-pjaċir nisimgħu l-Banda ġdida "La Valette" magħmula minn dilettanti u diretta minn Maestro Carabott, li daqqet biċċtejn mużika bi preċiżjoni hekk kbira li qalgħet applawsi kbar. Huwa ta' ġieħ kbir lis-Surmast meta nafu li dawn id-dilettanti fl-aktar żmien qasir għarfu jgħaddu hekk 'il quddiem li kisbu t-tifħir ta' kulħadd." Il Corrierei Mercantile Maltese kiteb ukoll fuq dan id-debutt billi qal: Is-Sereta tal-artista Del Riccio, minbarra l-partijiet pjaċevoli tal-ispettaklu, offirtilna wkoll il-Banda ġdida La Valette li sa minn dan l-ewwel saggio eċċellenti tagħha diġà wrietna dak li dalwaqt se tkun - kemm minħabba n-numru tal-membri tagħha kif ukoll għall-kapaċità tas-Surmast Carabott li jidderiġiha kif ukoll għall-impenn kbir li lkoll qed jagħmlu.



*In-Nobbli Ramiro Barbara, l-ewwel President tas-Società*

**L-għażla tal-isem**

Meta ġew biex jagħtu l-isem lill-Banda l-ġdida, il-fundatur Pawlu Darmanin ippropona li din tissejjaħ Società Filarmonica San Paolo. Min-naħa l-oħra, il-President, in-Nobbli Ramiro Barbara ppropona l-isem tal-Gran Mastru La Valette li huwa l-fundatur tal-Belt Valletta. Din il-proposta ntgħoġbot u ntlaqgħet b'akklamazzjoni filwaqt li San Pawl inħatar bħala Patrun ta' din is-Società.





# La Valette
## Bar & Restaurant

**297, Republic Street, Valletta**

**Jason Grech - 77109310**








## La Valette fit-toroq għall-ewwel darba

Il-Festa tal-Madonna tal-Karmnu tal-Belt Valletta kienet l-ewwel darba li l-Banda La Valette daqqet għall-ewwel darba fit-toroq. Kien fil-15 ta' Lulju tal-1875, lejlet il-festa li l-banda akkumpanjat minn kor ta' tfal kantaw l-Innu tal-Madonna tal-Karmnu, immużikat minn Mro Vincenzo Carabott, iben is-Surmast u bil-versi ta' P. Franco Carbonaro O.Carm. Il-Banda daqqet fuq palk maġenb l-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu fi Triq Zekka. L-għada, fis-16 ta' Lulju, il-Banda La Valette esegwiet fil-pubbliku l-ewwel programm mużikali tagħha. Il-ġurnal Corriere Mercantile Maltese fil-21 ta' Lulju jikteb li l-"banda iddistingwiet ruħha ħafna u dan allavolja kienet qed iddoqq għall-ewwel darba fit-toroq. Kollox irnexxa ħafna aktar milli wieħed seta' jixtieq. Il-follsa li attendiet kienet tant kbira li f'ċerti postijiet il-Pulizija kellha tistabblixxi ċ-ċirkolazzjoni fit-toroq b'dawk il-mezzi li l-aktar kienu meħtieġa fiċ-ċirkustanzi." Ftit ġranet wara il-Banda ħadet sehem f'serata mużikali fl-okkażjoni tal-festa ta' San Ġiljan.

## Idoqq għall-ewwel darba fil-Festa tan-Nawfraġju ta' San Pawl

Il-Festa ta' San Pawl fi Frar tal-1876 kienet l-ewwel darba fl-istorja tagħha li l-Banda La Valette ħadet sehem. Għal din l-okkażjoni, iżżanżan palk u f'nofsu tpoġġiet statwa artistika tal-Gran Mastru La Valette. Iżżanża ukoll Innu lil San Pawl, kompożizzjoni tas-Surmast Vincenzo Carabott. Il-Corriere Mecantile Maltese tal-15 ta' Frar 1876 jagħti deskrizzjoni dettaljata tas-suċċess kbir tal-Festa ta' San Pawl ta' dik is-sena. L-artiklu ta' dan il-ġurnal jintemm hekk: "Fl-aħħar nett ngħidu kelmtejn ta' tifħir speċjali lid-dilettanti bravi tal-Banda La Valette li daqqew darbtejn filgħaxija fost iċ-ċapċip tal-poplu. L-innu tas-Surmast V. Carabott, a solo u l-kor intgħoġob ħafna. Il-promuturi tal-festa għandhom għax ikunu kburin bir-riżultati eċċellenti li żgur kien superjuri għal dak tal-festi tas-snin ta' qabel."

### Bibliografija


Mifsud Bonnici Robert, Società Filamonica Nazionale La Valette - Ġrajja dokumentata, Giov. Muscat & Co. Ltd, 1959

Ciarlò, Kan. John Ciarlo, La Valette, Soċjetà Filarmonika Nazzjonali, L-Ewwel Mitt Sena Storja, 1994




*Ritratt storiku tal-Filarmonika La Valette meħud fl-1876. FInpnofs jidher is-Surmast Luigi Carabott*


Lourdes
Opticians
FREE
EYE TEST
with every purchase
of a new frame
Naxxar Road, San Gwann
Tel: 21 381 226

Mark's Aluminium

for All types of Aluminium Works
with the Highest quality of
Aluminium Profiles & Thermal Break,
Apertures in Different Colours & PVC Works

Call or Send an e-mail for
FREE Quote.

Mark's Aluminium Works
Binja San Guzepp Haddiem,
Triq Indri Psaila,
Handaq - Qormi

Mobile: 7920 9417
mmaluminiumworks18@gmail.com


FEXSERV
The best deal for your
TRAVEL
MONEY
7 strategically located bureaus for your convenience
60+ different currencies available
FAST · SECURE · CONVENIENT
WWW.FEXSERV.COM
NO FEES · NO COMMISSION · NO HASSLE

ELEVATION .MT
Passenger Lifts | Goods/Car Lifts | Dumbwaiter Lifts

WE ARE HERE FOR ALL
**YOUR LIFTS NEEDS**

27413490 www.elevation.mt info@elevation.mt



UC LTD
UNIVERSAL CEMENT

**Official Sponsor for Lift Project
at Soc. Fil.. Naz. La Valette**

UC LTD
UNIVERSAL CEMENT

UC LTD
UNIVERSAL CEMENT

UC LTD
UNIVERSAL CEMENT

T: (+356) 21 80 22 22
F: (+356) 21 80 11 22
E: ucmail@cement.com.mt

# Matul dan il-vjaġġ mużikali

*Daniel Mangion*

Taf min hu jew le, xi darba jew oħra żgur mhux forsi smajt xi silta mużikali ta› Mons. Marco Frisna. Il-Kompożizzjonijiet tiegħu huma diversi u jvarjaw minn siltiet lituġiċi, oratorji, soundtracks, opera, kif ukoll innijiet ta' tifħir lil Alla.

Il-mużika ta' Mro Frisina hija waħda riflessiva, li bil-ħlewwa melodjuża tagħha tgħinek tirrifletti fuq dak li qed jiġri u jiġi rakkuntat permezz ta' dik is-silta. Barra dan il-mużika ta' dan il-kompożitur ċelebri, hija ferm tal-widna u dan jagħmilha faċli biex il-kongregazzjoni u n-nies preżenti tkun tista' tkompli mal-kor u l-orkestra. Dan l-istil, li wassal lill-Mons. Fisina jkun onorat b'diversi premijijiet prestiġjużi, ser jesprimi lilu nnifsu fil-vjaġġ mużikali li llejla ser ngħixu flimkien. Vjaġġ mużikali, u spiritwali li ser joħodna f'diversi albums matul il-karriera vokazzjonali ta' Mro Frisina.

Fost is-siltiet li ser nisimaw illejla l-aktar waħda li toħodna 'il bogħod hija il-kantiku tal- Magnificat. Dan is-salm li huwa sors ta' ispirazzjoni għal diversi kompożituri, kien ukoll ta' ispirazzjoni għall-Mons Frisina li kkompona silta mużikali profonda, madwar dan is-salm. Din is- silta kienet ukoll parti minn l-album Non Temere li nħareġ lura fl-1987 u reġa inħareġ aktar riċenti fl-2017.

Silta oħra ferm sabiħa li ser nisimaw illejla hija is-silta Iubilate Deo. Din is-silta li tagħmel parti minn l-album Cristo Nostra Salvezza, Mro Frisina ikkomponiha fl-1996, u kienet parti minn quddiesa ċelebrattiva li tfakkar il-50 sena anniversarju mill-ordinazzjoni saċerdotali ta' San Ġwanni Pawlu II. L-istil mużikali ta' din is-silta, għalkemm huwa tradizzjonalment solenni, huwa maħsub li permezz tal-mod melodjuż ta' kif inhi miktubha, iħeġġeġ lill-kongregazzjoni sabiex hi ukoll tipparteċipa, titlob u tkanta.

Mons Marco Frisina, huwa sinonimu wkoll fid-dinja tal-films u televiżjoni, fejn ikkompona diversi siltiet mużikali sabiex jakkumpanjaw xeni minn serie u films. Wieħed mill-albums tiegħu li ġie mniedi 2005, bl-isem ta' Verso La gioia, jiġbor fih ġabra ta' siltiet mis-serie ta' films, La




DT ALUMINIUM
St.Joseph Work Shop,
Triq Maestro Giuseppi Camilleri Handaq,
Industrial Estate Qormi.
For all kinds of Aluminium
& Roller Nets
Best Prices Guaranteed
Contact: David Taliana
Tel: 2163 2770 - Mobile: 9945 3797
E-mail : DT.Aluminium@outlook.com

Bibbia. Fost dawn is-siltiet wieħed isib is-silta Shema Israel, li ġejja mill-mini serie Mosè. F'dan il-mini serie li ħarġet fl-1995, fil-parti prinċipali ta' Mosè nsibu lill-attur ċelebri Ingliż, Sir Ben Kingsley. Waqt li kien qed jikkomponi il-mużika ta' dan il-film, Mons. Frisina, kien qed jaħdem id f'id ma ġgant ieħor mużikali, il-mibki Mro Ennio Morricone.

Minn dan l-istess album Verso La Gioia ser nisimgħu wkoll is-silta Pacem in Terris, li Mons Frisina fl-2002 kien ikkompona għall-film John XXIII maħruġ minn RAI. F'dan il-film li jitratta dawar il-Papa tal-paċi, insibu jinterpreta l-parti prinċipali lil Ed Asner. Ta' min jinnota l-ħlewwa fil-melodija ta' din is-silta, li b'kapaċita kbira tal-kompożitur, tgħin sabiex toħloq effett ta' serenità u paċi, karatteristiċi li kienu sinonimi mal-Papa Ġwanni XXIII.

Mini serie oħra li kien ikkompona, Mons Frisina għall-kumpanija RAI, fis-sena 2005 kien Pope John Paul II, bil-parti prinċipali tkun interpretata minn John Voight. Silta ikonika minn dan il-mini serie hija Open the doors. Open the doors jew Aprite le porte kienet frażi li mhux biss priedka imma għex tul ħajtu il-Papa Ġwanni Pawlu II.

Silta ferm sabiħa li ser nisimgħu illejla hija La Via dei Martiri. Din is-silta tinsab fl-album Alba Romana li ħareġ fl-2003. Din is-silta ma fijiex lirka, imma l-kapaċità impekkabli tal-kompożitur tpenġi f'moħħna xenarju ċar kristall ta', fejn bl-immaġinazzjoni wieħed jerġa' jilmaħ lill-ewwel insara, b'tama u fidi soda, mexjin jew qed jinġarru mis-suldati tal-Imperu Ruman, sbiex huma jiġu ġlorifikati bil-palma u l-kuruna tal-martirju.

Min xi darba jew oħra mar il-Jum Dinji taż-Żgħażagħ jew kien f'xi kongregazzjoni kattolika immexxija minn żgħażagħ, żgur mhux forsi li hu familjari mas-silta Jesus Christ You Are My Life. Din is-silta li Mro Marco Frisina ikkompona fis-sena 2000 għall-Jum Dinji taż-Żgħażagħ li sar f'Ruma fl-okkażjoni tal-Ġublew, insibuha fl-album li ħareġ fl-2001 bl-isem ta' Jesus is My Life. Meta wieħed jisma din is-silta, jimtela b'ħeġġa sabiex hu wkoll ikun parteċipi mal-kor u l-orkestra, permezz tal-kant u ċ-ċapċip ritmiku.



Permezz ta' din is-silta li fiha jintużaw wkoll lingwi diversi joħroġ is-sbuħija tal-unità fid-diversita fil-knisja tagħna, aħna li aħna wlied tal-istess missier.

Kapolavur ieħor ta' Mro Marco Frisina, huwa bla dubju l-oratorju Pawlin Apostolo Delle Genti, u huwa bix-xieraq li kunċert li jġib l-isem ta' Apostolo delle Genti, fih ikollu siltiet minn dan l-istess oratorju. Dan l-oratorju li ħareġ fuq album fl-2008, inkiteb ad unur l-akbar missjunarju, u waħda mill-kolonni tal-Knisja Kattolika, l-Appostlu tal-Ġnus Missierna San Pawl. Matul dan l-oratorju wieħed jista' jagħmel vjaġġ fil-ħajja ta' San Pawl li jibda mill-martirju ta' Stiefnu, il-Konverżjoni, il-vjaġġi missjunarji madwar il-Mediterran, il-kitbiet, il-fidi, u finalmet il-martirju. Dan it-traġitt madwar il-ħajja ta' San Pawl, il-kompożitur joħolqu permezz tal-bdil fil-melodija u l-kuntrasti tal-ħsejjes, li matul dan l-oratorju jinbidlu skond ix-xena u l-mument li jkun wasal fih dan l-oratorju.

Apparti dawn is-siltiet li ser nisimgħu illejla, il-Mro Mons. Marco Frisina għandu diversi xogħlijiet sbieħ. Inħeġġiġkom biex tibqgħu tfittxu, tisimgħu u anke titolbu permezz tal-mużika ta' dan il-kompożitur ċelebri.



JOHN FRIEDA.
IT'S FOR ME
JOHN FRIEDA
LONDON PARIS NEW YORK
PROfiller+
FOR FINE HAIR
THICKENING
SHAMPOO
THICKENING
CONDITIONER
JOHN FRIEDA
PROfiller+
FOR FINE HAIR
THICKENING
SPRAY
MY BOOST.
MY WAY.
NEW PROFILLER+ WITH BIOTIN
& HYALURONIC ACID.
TWICE THE THICKNESS,
FOR DOUBLE THE BOOST.



*Kartolina kommemorattiva tal-Palazz*
*fi Triq ir-Repubblika*


"Ta Futti"
GOLDEN LION
snack bar
Specialising in Rabbit Meals
at reasonable prices
Prop: John Ciantar
28, St. Augustine Street, Rabat - Malta
Tel: 2145 2470
Mob: 9947 7072
MONDAY & TUESDAY CLOSED


SPORTS
EXPERIENCE
(+356) 2143 8877
(+356) 7928 7752
info@sportsexperience.com.mt
74, Triq il-Pitkali, H' Attard, Malta, EU
SportsExperienceMt




# Amaspharma Co. Ltd.

**Lourdes Pharmacy & Opticians**

**1, Massabielle Street,**
**San Gwann SGN 9030**

**Tel: 2138 7479 - 2138 1226**
**Fax: 2137 2219**
**E.mail: amasco@maltanet.net**







# Ramon Lautier

Alteration and Restoration

Mob: 77776454

email: ramonlautier87@gmail.com





# Il-mużika Pawlina tal-familja Nani fl-Arkivju tal-Katidral Metropolitan tal-Imdina

*Elena M Muscat B.Mus (Hons) UK*
*Assistenta Arkivista tal-Arkivju tal-Katidral Metropolitan tal-Imdina*



Dr Paolo Nani

Sa minn żminijiet imgħoddija l-istorja mużikali rikka ta' Malta kienet ikkaratterizzata mill-funzjonijiet liturġiċi tal-Knisja, u għalhekk, ir-repertorju tal-mużika sagra kiber u ffjorixxa, b'mod konsistenti, tul is-sekli. Ħafna minn din il-mużika tinsab ikkonservata fl-Arkivju tal-Katidral Metropolitan tal-Imdina. Dan l-arkivju huwa wkoll xhieda tal-istorja rikka u jitfa' dawl fuq aspetti, reliġjuzi, soċjali, storiċi, artistiċi, letterarji u mużikali, dwar Malta, speċjalment bejn is-sekli sbatax u għoxrin. L-arkivju jinqasam f'erba' kategoriji li huma, l-arkivju tal-inkwiżizzjoni, l-arkivju tat-tribunal veskovili, l-arkivju tal-knisja konventwali tal-Ordni ta' San Ġwann u l-arkivju kapitolari, li fih jinkludi wkoll l-arkivju mużikali.

Il-Kappella mużikali tal-Katidral ta' Malta fl-Imdina taf l-oriġini tagħha fl-1619, meta l-isqof Baldassare Cagliares ħatar lil Don Francesco Fontana, Sqalli, bil-pożizzjoni prestiġjuża ta' *Maestro di Cappella*. Minn hemm 'il quddiem ir-repertorju mużikali tal-katidral baqa' jinbena bil-mod il-mod. Għall-bidu, il-kapitlu kien jikkummissjona jew jixtri xogħlijiet mużikali ta' kompożituri barranin, u wara, xi Maltin stess bdew jitħarrġu u jintbagħtu jistudjaw il-kompożizzjoni sagra barra minn Malta. Minn hemm 'il quddiem l-arkivju ma ħares qatt lura u llum insibu 'l fuq minn 6000 manuskritt u huwa wieħed mill-iktar arkivji mfittxija għar-riċerka. Ma tistax issemmi l-mużika u l-festa liturġika ta' San Pawl tal-Belt Valletta mingħajr ma' ssemmi d-dinastija Nani, familja intrinsikament marbuta mal-mużika Pawlina f'Malta. Il-Familja Nani hija ġenerazzjoni ta' mużiċisti u kompożituri mis-seklu tmintax sas-seklu għoxrin fejn ħalliet kollezzjoni ta' mużika lill-Katidral fl-1983.

Dr Paolo Nani (1814-1904), wild mit-tielet ġenerazzjoni ta' din il-familja, juri r-rabta tiegħu fix-xogħlijiet mużikali ma' post twelidu, il-Belt Valletta. Huwa kien pjanista u studja ġewwa Napli ma' Gaetano Donizetti (1797 - 1848), kompożitur Taljan magħruf għall-opera fi stil '*Bel Canto'*. Fil-funzjonijiet liturġiċi tal-festa ta' San Pawl, fil-Belt Valletta, tindaqq il-mużika tal-familja Nani li kienu Maestri di Cappella f'din il-Kolleġġjata, minn nofs is-seklu dsatax sa nofs is-seklu dsatax sal-bidu tat-tmeninijiet tas-seklu għoxrin. Is-surmastrijiet Nani li mexxew fil-Kolleġġjata ta' San Pawl kienu, Dr Paolo Nani, ibnu Anton Nani (1842-1929) u Paul Nani (1906-1986). Il-mużika oriġinali hija ppreservata fl-arkivju tal-Katidral. Fost ix-xogħlijiet għall-festa ta' San Pawl insibu, il-quddiesa *Messa in onore di S. Paolo Naufragio 1882, Graduale* (1851), il-versi liturġiċi *Paulo Sacrati Litoris* (1841), l-innu *Egregie Doctor Paule* (1893), l-innu *Exutet Orbis Gaudis* (1843) u l-antifona *Sancte Paule* (1840), antifona li hija l-identità tal-festa Pawlina.

Dawn l-imsemmijin huma kollha mill-pinna ta' Dr Paolo Nani. Magħhom jindaqqu wkoll is-salmi, *Laudate Dominum* (1930) u *Lauda Jerusalem* (1937) u żewġ kantiċi *Benedictus Deus* (1938) u *Magnificat* (1931) kollha ta' Paul Nani (1906-1986) u t-*Tantum Ergo* għall-viċi tat-tenur ta' Anton Nani (1842-1929).


Carmine's
Old Bakery Street, Valletta
Tel: 21239919
Mobile: 79819004


Old Bakery's Kitchen
South Street, Valletta
Tel: 21233983
Mobile: 79819004




*Il Naufragio di San Paolo*

Waqt il-kunċert kommemorattiv f'għeluq il-150 sena mit-twaqqif tas-Soċjetà Mużikali La Valette ntgħażlet sinfonija ta' Dr Paolo Nani bl-isem ta' *Il Naufragio di San Paolo* li nkitbet fit-28 ta' Jannar tal-1899. Din il-biċċa xogħol hija eżempju mis-selezzjoni ta' manuskritti sekulari ta' din il-familja. Is-sinfonija orkestrali, fi stil sinfoniku, inkitbet bil-għan biex isservi bħala introduzzjoni għall-opra. Madankollu, illum il-ġurnata tirrappreżenta xogħol orkestrali. Dan il-manuskritt mhux biss juri l-influwenza qawwija Taljana fuq il-kompożituri Maltin li studjaw f'Napli, iżda wkoll jitfa' dawl dwar x'kien qed jindaqq fit-teatri Maltin tal-epoka Romantika.




*L-Antifona Sancte Paule*

# Ftuħ tal-Attivitajiet tal-150 sena mit-Twaqqif tas-Società 20-22 ta' Ottubru 2023

**20 ta' Ottubru**

Korteo fil-ftuħ tal-150 anniversarju u 455 sena mill-mewt tal-Gran Mastru La Valette mill-Kon-Katidral ta' San Ġwann sal-Knisja tal-Vitorja u wara kunċert qasir fl-istess knisja. Wara nfetħet ukoll il-wirja "Wirt Beltna, Wirt Pajjiżna.













**21 ta' Ottubru**

Marċ per eccellenza mis-Società Filarmonica Nazionale La Valette u Għaqda Mużikali San Ġużepp ta' Ghajnsielem. Il-Banda tas-Società Filarmonica La Valette bdiet minn quddiem il-Kolleġġjata ta' San Pawl filwaqt li l-Għaqda Mużikali San Ġużepp bdiet minn quddiem il-Parlament. Huma ltaqgħu fi Pjazza San Ġorġ u mxew wara xuxlin għal quddiem is-Sede tas-Società fi Triq ir-Repubblika. Qabel il-marċ iż-żewġ soċjetajiet kellhom laqgħa ta' korteżija fis-Sede.





**22 ta' Ottubru**

Quddiesa Solenni fl-okkażjoni tal-ftuħ tal-festi tal-150 sena mit-twaqqif tas-Società Filarmonica fil-Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu fil-Belt Valletta. Iċċelebra l-quddiesa Mons. Paul Carmel Vella, Rettur tal-Kon-Katidral ta' San Ġwann.

Il-'La Valette Ensemble' taħt id-direzzjoni tal-Assistent Surmast James Chappell bis-sehem tas-Sopran Rosabelle Bianchi u t-tenur Georg Zammit animaw il-quddiesa.

Fi tmiem il-quddiesa saru diversi preżentazzjonijiet fosthom lill-President tal-Għaqda tal-Pawlini, A.D. 1970 - Valletta Douglas Mifsud ta' innu marċ.





# Little Paws

## Pet Shop

77, St Paul Street
Valletta VLT 1212

Tel: 2743 0086

*Opening Hours*

Monday - Friday : 9.00am - 13.00pm

Wednesday : 4.00pm - 7.00pm

Saturday : 9.00am - 13.00pm

jewel box



# KITCHEN CONCEPTS

# MAKE THIS CHRISTMAS MEMORABLE

Choose your favourite concept.
Seven different cuisines. Eighteen locations.

**gululu**
KĊINA MALTIJA
FTAJJARIJA u PULPETTERIJA
2133 3431
info@gululu.com.mt

**CUBA**
BISTRO · PIZZERIA · CAFÉ
info@cafecuba.com.mt

**VECCHIA NAPOLI**
info@vecchianapoli.com

**Costa del Sole**
MELLIEĦA BAY
2180 3377
costadelsole@costadelsole.com.mt

**MANAKIS**
GREEK TAVERNA
info@manakis.com.mt

**olea**
FLAVOURS OF THE MEDITERRANEAN
2016 3819
oleareservations@kitchenconcepts.com.mt

**chophouse**
2060 3355
info@chophouse.com.mt

Is-Soc Fil.
Naz. La Valette
ser torganizza



# Mawra għal Ruma fuq il-Passi ta' San Pawl

**Mit-Tlieta 6 ta' Frar**
**sal-Ġimgħa 9 ta' Frar 2024**



Inżuru fost l-oħrajn il-bażilika ta' San Pawl 'Fuori le Mura', il-kumpless tal-abbazija tat-tliet funtani, il-Vatikan u postijiet oħra ta' interess relatati mal-Appostlu San Pawl u nieħdu sehem fl-Udjenza Ġenerali tal-Papa.

Press ta' €437 jinkludi l-vjaġġ bl-ajru bir-ritorn dirett għal Ruma, akkommodazzjoni f'kamra double fuq bażi ta' Bed & Buffet Breakfast u trasport mill-Ajruport għal-lukanda u lura.



Postijiet limitati għall-ewwel 50 persuna li jibbukkjaw.

Qiegħed jintalab depożitu ta' €200 biex tibbukkja postok.

Laqgħa b'aktar informazzjoni għal dawk interessati se ssir aktar 'l quddiem.

Booking: 79252536 jew 79261164


BORTEX
FINE TAILORING


CASTILLE HOTEL
Castille Square, Valletta )Near Upper Barrakka Gardens)
Tel: 2124 3677/8, 2122 0173 – Fax: 2124 3679 – E-mail: info@hotelcastillemalta.com


NENU
THE ARTISAN BAKER
Rabbit Liver
Coctail: Ir-Ratal
Octopus stew
Authentic
MALTESE RESTAURANT
Fried Rabbit with Rabbit Jus
143, St Dominic Street, Valletta
22 581 535
4, Main Street, L-Imġarr
22 581 570
www.nenuthebaker.com
nenuthebaker@maypole.com.mt


Granelli
Granelli
CAFFÈ • PASTICCERIA
VALLETTA 22 261 652
RABAT 22 261 651
GRANELLI.COM

montagno
logistics

*For All Types of Freight,*
*Customs Clearance*
*&*
*Logistical Services.*

1, Airways Building,
Ganni Vassallo Street,
Luqa

Tel: + 356 2780 2015
E-Mail: info@montagnologistics.com

# Ħajr

Is-Società Filarmonica Nazionale LA VALETTE tixtieq tirringrazzja lil:

L-Eċċellenza Tiegħu Dr George W Vella, President ta' Malta, u s-Sinjura Vella
Onor. Owen Bonnici, Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Art u l-Gvern Lokali
Onor. Dr. Aaron Farrugia, Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u Proġett Kapitali
Onor. Keith Azzopardi Tanti, Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni
Is-Sur Alfred Zammit, Sindku tal-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta
L-Arċisqof ta' Malta Charles J. Scicluna
Fondazzjoni tal-Kon-Katidral ta' San Ġwann
Mons. Paul Carmel Vella, Rettur tal-Kon-Katidral ta' San Ġwann
Alessandro & Enrico Lenzi, Geal Aluminium S.p.A., etrusione e lavorazione alluminio, Italy
Pawlu Farrugia, President tal-Kunsill Reġjun Port
Kunsill Reġjun Port
Michael Sciberras, Beati Paoli
Lino Bartolo, Seyba Aluminium Ltd
Charles Polidano, Montekristo
Jason Grech, La Valette Bar & Restaurant
Geroge Tabone, Gram Collection
Bortex Fine Tailoring Marsa
Mro Joseph Galea
Mro Dominic Darmanin
Mro James Chappell
Cav. Dott. Tonio Portughese
Joe Chetcuti
Peter Paul Ciantar
Mario Azzopardi, Castille Hotel,
Mario Xuereb
Mauro Pace Parascandalo
Simon Abela
Sergio Zampa
Clinton Debono
Simon Vella Gregory
Josephine Scerri, BOV Manager
Charles Azzopardi, CEO Bank of Valletta
Tonio Camilleri, C. Camilleri & Sons Ltd.
James Barbara, James Caterers
Kan. David Torpiano
Gertrude Mercieca Hounsell
John Grech, Daniel Diacono, Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali
La Falconeria Hotel Valletta
Julian Sammut, Vecchia Napoli
David & Gizelle Stellini, Charles de Giorgio Ltd.
L-ET Frank Zammit, Ambaxxatur għas-Santa Sede
Dr Gavin Gulia, Chairman, Awtorità Maltija għat-Turiżmu
Albert Marshall, Chairman, Kunsill Malti għall-Arti
Carlo Micallef, CEO, Awtorità Maltija għat-Turiżmu
Il-Bizzilla, Air Malta In-flight Magazine
Istituto Italiano di Cultura, La Valletta
Marie Benoit
Tony Cassar Darien
Matilde Balzan
Antonella Vassallo
Stephanie Chircop
Josef Bonello
Frederick Zammit
Sonya Young Toyah Zammit, Awtorità Maltija għat-Turiżmu
Priscilla Civelli —- Visitmalta
Radio City 98FM
Media stampata u awdjovisiva, ġurnali, radio, televiżjoni, websites
Għadd kbir ta' Sponsors, Advertisers, Voluntiera, u Ammiraturi

# J. CURMI INTERIORS

## FINISHING CONTRACTORS

Mob: 7746 6425

Email: curmijoeinteriors@hotmail.com




il-Horza
TAVERNA dei MERCANTI

6, St. Christopher Street, Valletta
Tel: +356 21226936 Mob: +356 79238269
Web: www.ilhorza.com

Opening Hours:
Monday to Friday: 12.00 p.m. - 3.00 p.m.
7.30 p.m. - 10.30 p.m.
Saturday: 8.00 p.m. - 10.30 p.m.

tripadvisor



MIRACLE FOODS

WE'RE NEVER FAR FROM HOME.

# Riklami

5 Beans........................................................42
Alexander's Bar & Restaurant.....................86
Amaspharma Co. Ltd...............................110
Assikura Insurance Brokers PCC Ltd..........32
Bank of Valletta...........................................16
Beati Paoli.....................................................4
Bonaci Caterers...........................................48
Bonnici Press ..............................................24
Bortex.........................................................120
Cafe Capitolino ...........................................76
Camilleri Catering........................................18
Camilleri tal-Ħelu .......................................51
Carmine's ..................................................114
Casa Lapira .................................................68
Castille Hotel .............................................120
Charles de Giorgio Ltd................................84
Cheers .........................................................68
City Crown..................................................57
Croce Bonaci Caterers .................................78
Da Mattia ....................................................76
D'Office bistro .............................................82
Dolceria Barigozzi .......................................88
DT Aluminium ...........................................106
E.Theuma & Company Ltd..........................34
Eddie's Cafè Regina.....................................66
Elevation ...................................................103
F.Zammit Glass ...........................................96
Farsons ........................................................22
Fexserv.......................................................102
Finestral.......................................................52
Freespirit Acting..........................................96
Gasan Mamo ...............................................27
Gioielleria Zampa ......................... back cover
Gourmet Kafè..............................................83
Granelli ......................................................121
Grano...........................................................50
Hypnos-Vitafoam ........................................25
I Nuna Cleaning Services............................26
I Pupi ...........................................................12
iCreate .........................................................25
Il-Ħorża .....................................................125
Is-Suq tal-Belt .............................................54
J. Curmi Interiors ......................................124
JB Stores .....................................................80
Jewelbox ....................................................117
John Frieda................................................108
Katina cafè & wine .....................................93
Kitchen Concepts ......................................118
La Valette Bar & Restaurant ........................98
Little Paws Pet Shop .................................116
Logografix Signs .........................................52
Lombard Bank .............................................20
Lourdes Opticians .....................................100
Lucentini .....................................................10
Luciano ........................................................38
M.Demajo ....................................inside front
Malta Public Transport.................Back inside
Markham Resources....................................93
Mark's Aluminium ....................................101
Miracle Foods ...........................................125
MKB Importers Ltd. ...................................74
Montagno logistics ....................................122
Montaldo Insurance Agency Ltd.................94
Montekristo Brewery ....................................6
Morgan ........................................................46
Multigas ......................................................30
Nenu Bakery .............................................121
Neriku Catering...........................................33
Old Bakery's Kitchen................................114
Palazzo Preca Restaurant .............................40
Pesu Crane Hire ........................................110
Photocity .....................................................92
Pitrè Home ....................................................8
Queen Victoria City Pub .............................60
Ramon Lautier ...........................................112
Rampila .......................................................72
Royalty Bedding .........................................64
San Giovanni...............................................26
San Paolo Naufrago ....................................44
Schweppes...................................................28
Seyba Aluminium Ltd.................................14
Sports Experience .....................................110
Sterling ..........................................................2
Str.Eat..........................................................90
Strand Palace Agencies Ltd. ........................62
Ta' Futti Golden Lion Snack Bar ..............110
Tas-Soli/Aaron's Kitchen.............................70
Thirty Three Steps.......................................36
UC Ltd. .....................................................104
Vigo Tailors.................................................92
Zizka ...........................................................86



# 30




# New electric buses
## & CHARGING DEPOT

100% electric

**Malta Public Transport recently introduced 30 new fully electric buses to its fleet as well as the first electric bus charging depot in Malta. This came about following an electrification journey that started back in 2020 with a pilot project that brought to Malta the first 100% electric bus. The growing fleet is allowing also the operation of an additional 410 bus trips on a daily basis, increasing frequencies and capacity, as well as linking various localities and covering an additional 6,000 kilometers.**

### The electric fleet



A range of up to 300 kilometres on a single charge



Regenerative braking that charges the battery on the road



Fully-accessible, also featuring USB chargers and free Wi-Fi

### The electric bus charging depot



3MW fast-charging, optimised infrastructure that charges 30 buses concurrently



Each charger can supply from 20kW up to 240kW per bus



Dual-charging system enables electric buses to be fully charged in as little as 2 hours

publictransport.com.mt

Malta Public Transport




www.sergiozampa.com

Gioielleria
ZAMPA

12, Republic Street, Valletta.
Tel: 2122 0194